KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.8.2005
KUMM(2005) 362 finali

2005/0153 (CNS)
2005/0154 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali li jgħixu fl-ilma**

{SEG(2005) 1047}

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju**

(preżentati mill-Kummissjoni)

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għal u l-għanijiet tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu aġġornati, ifformulati u kkonsolidati r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali marbuta mal-kummerċ fil-prodotti ta' l-akkwakultura, inklużi l-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-produtturi fl-akkwakultura ta' l-UE.

L-akkwakultura hija industrija importanti ħafna fil-Komunità, partikolarment f'żoni rurali u kostali. Fl-2004, l-akkwakultura ta' l-UE pproduċiet ħut, molluski u krostaċeji b'valur ta' aktar minn €2.5 biljun. Madankollu, it-telf finanzjarju minħabba l-mard (imwiet, nuqqas fil-kobor u nuqqas fil-kwalità) huwa stmat għal 20% tal-valur tal-produzzjoni. Il-proposta għandha l-għan li tintroduċi leġiżlazzjoni moderna u mmirata li tnaqqas dawn l-ispejjeż; jekk dawn jistgħu jitnaqqsu b'20%, ir-riżultat ikun valur miżjud ta' €100 miljun fis-sena.

Il-leġiżlazzjoni eżistenti kienet żviluppata għoxrin sena ilu meta l-UE kellha biss 12-il Stat Membru. Kienet maħsuba primarjament biex tħares l-oqsma ewlenin ta’ l-akkwakultura ta’ l-UE dak iż-żmien, jiġifieri tas-salmonidi (it-troti u s-salamun) u t-trobbija tal-gajdri. Issa jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni tiġi aġġornata sabiex tirrifletti l-firxa usa' ta’ proċeduri u speċi ta’ l-akkwakultura li tinsab fl-UE mkabbra, u sabiex tqis l-iżviluppi sinifikanti li saru fl-industrija, l-esperjenza li nkisbet bi 15-il sena ta’ applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, kif ukoll l-avvanzi xjentifiċi li saru f'dan il-qasam. Ir-regoli għandhom jiġu aġġornati sabiex ir-regoli ta’ l-UE jinġiebu f’konformità ma' ftehimiet u standards internazzjonali (bħad-WTO/SPS u OIE).

Din il-proposta tikkorrispondi mal-proġett Programm ta’ Ħidma leġiżlattiv tal-Kummissjoni 2004/SANCO/0025

- Il-kuntest ġenerali

Din il-proposta se tirrevoka leġiżlazzjoni primarja eżistenti (id-Direttivi tal-Kunsill 91/67/KEE, 93/53/KEE u 95/70/KE) u tibdel dawk it-tliet Direttivi b'Direttiva waħda ġdida. Din ir-reviżjoni u konsolidazzjoni tant meħtieġa se taġġorna l-leġiżlazzjoni sabiex tirrifletti l-industrija ta' l-akkwakultura ta' l-UE fis-seklu 21, u tissimplifika u timmodernizza r-regoli eżistenti sabiex tipprovdi aktar flessibiltà u tiddelega aktar responsabbiltà operazzjonali lill-Istati Membri sabiex, per eżempju, ikunu jistgħu jitfasslu strateġiji effettivi lokali jew reġjonali għall-prevenzjoni u l-iżolament tal-mard.

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam koperti mill-proposta

Din il-proposta ser tissostitwixxi

– Id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 rigward il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' annimali u prodotti ta' l-akkwakultura;

– Id-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993 li tintroduċi l-miżuri Komunitarji minimi għall-kontroll ta' ċerti mard tal-ħut;

– Id-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 li tintroduċi l-miżuri Komunitarji minimi għall-kontroll ta' ċerti mard li jaffettwa lill-molluski bivalvi.

Il-prinċipji ġenerali stabbiliti fit-tliet Direttivi konċernati ser jinżammu.

Barra minn dan, hemm 13-il Deċiżjoni ta' implimentazzjoni li ġew adottati skond dawk id-Direttivi. Id-Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ser jibqgħu fis-seħħ sakemm ma jiġux irrevokati minn Deċiżjoni speċifika, jew jiġu sostitwiti minn Deċiżjoni adottata skond din il-proposta.

- Il-konsistenza ma' politika oħra

L-industrija ta' l-akkwakultura taqa' taħt il-Politika Komuni ta' l-Industrija tas-Sajd (CFP). L-azzjoni reċiproka prinċipali bejn din il-proposta u l-leġiżlazzjoni relatata mal-CFP tirrigwarda l-appoġġ finanzjarju (ara wkoll Com (2004) 497 - finali). Huwa propost li l-istess prinċipju applikat għall-mard ta' l-annimali li jgħixu fuq l-art, jiġifieri li kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità għandhom isiru disponibbli fejn il-liġi Komunitarja tirrikjiedi li titwettaq politika ta' tbiċċir/qerda mill-għeruq, għandu wkoll jiġi applikat għall-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma.

Il-proposta ssostni l-prinċipju stabbilit f'leġiżlazzjoni eżistenti li d-dispożizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali dwar il-ħarsien ta' l-ispeċijiet jew l-introduzzjoni ta' speċijiet mhux indiġeni. Għalhekk jistgħu jiġu applikati regoli aktar stretti fejn ikun neċessarju għall-ħarsien ta' l-ispeċi mill-aspett ambjentali jew ta' konservazzjoni. Il-proposta għalhekk ma tkunx qiegħda tmur kontra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-flora u tal-fawna selvaġġi. Barra dan, bidla importanti ħafna fil-politika sabiex tikkonċentra aktar fuq, – li tħalli lill-Istati membri jqassmu aktar riżorsi lil – il-prevenzjoni tal-mard, għandha tirriduċi l-impatt ambjentali ta' l-industrija ta' l-akkwakultura billi tnaqqas it-tifqigħ ta' mard.

It-tħassib dwar is-saħħa pubblika m'humiex ittrattati f'din il-proposta, minħabba li dawn huma rregolati mill-"pakkett ta' l-iġjene". Huwa magħruf li l-ebda waħda mill-mard jew mill-patoġeni koperti minn din il-proposta m'għandhom potenzjal żoonotiku.

Il-benesseri tal-ħut imrobbija għal skopijiet kummerċjali jaqa' fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet ġenerali eżistenti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-ħarsien ta' l-annimali mrobbija għal skopijiet kummerċjali. Parir xjentifiku mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-benesseri tal-ħut (fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta' l-annimali mrobbija għal skopijiet kummerċjali) ser jinfluwenza l-inizjattivi futuri tal-politika f'dan il-qasam.

Id-dispożizzjonijiet preżenti tas-saħħa ta' l-annimali li jirrelataw mal-pajjiżi terzi fil-prinċipju m'humiex se jinbidlu.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

*Il-metodi tal-konsultazzjoni, is-setturi prinċipali identifikati u l-karatteristiċi ġenerali tal-parteċipanti.*

Il-konsutazzjonijiet bil-miktub saru fis-sena 2000 u fl-2001 permezz tal-Kumitat Konsultattiv għall-Industrija tas-Sajd u għall-Akkwakultura (ACFA). F'dan il-Kumitat huma rrappreżentati l-organizzazzjonijiet li ġejjin: il-Federazzjoni tal-Produtturi Ewropej ta' l-Akkwakultura (FEAP), l-Assoċjazzjoni tal-Produtturi Ewropej tal-Molluski (EMPA/AEPM), il-Comité des Organisations Professionnelles Agricoles de l'UE (COPA/COGECA), l-Organizzazzjoni tat-trejdjunjins tal-ħaddiema (ETF), l-NGO għall-konsumaturi u l-NGO għall-ambjent. Is-servizzi tal-Kummissjoni rrapportaw b'mod regolari dwar l-iżviluppi fil-proġett fil-Grupp ta' Ħidma 2 ta' l-ACFA (l-Akkwakultura).

Seħħu laqgħat bilaterali ma' l-FEAP u l-EMPA/AEPM matul l-2003, l-2004 u l-2005.

Il-konsultazzjonijiet għall-partijiet interessati saru f'Settembru u f'Diċembru ta' l-2004. Kien hemm diversi laqgħat tekniċi ta' gruppi ta' ħidma b'rappreżentanti mill-Istati Membri u mill-istati ta' EFTA/ŻEE.

*Is-sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati.*

Il-kummenti prinċipali mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati tqiesu fl-istrutturar tal-proposta.

Għall-partijiet interessati, huwa essenzjali li d-Direttiva jkun fiha mekkaniżmu li jippermetti lill-farms iżommu u, fejn huwa possibbli jtejbu, l-istat tas-saħħa tagħhom, u wkoll li jinkoraġġixxi lill-farms li jgħarrfu x'inhu l-istat tas-saħħa tagħhom bħala mezz li jiffaċilita l-kummerċ imħares. Kategorizzazzjoni xierqa ta' l-istat tas-saħħa ser tkun l-uniku mod biex ma jkunx hemm degradazzjoni fl-istat tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità. Il-kunċett ta' kategorizzazzjoni ġie introdott fil-proposta.

Il-bżonn ta' l-industrija ta' l-akkwakultura għal kumpens ekonomiku biex jinqerdu l-mard u għal miżuri ta' kontroll huwa wkoll ta' importanza għall-partijiet interessati, u huwa rikonoxxut mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Dan ir-rikonoxximent huwa diskuss aktar fid-dettall fi proposta għal Regolament tal-Kunsill – il-Fond Ewropew għall-Industriji tas-Sajd (COM(2004) 497).

Fejn ma tqisux it-talbiet tal-partijiet interessati, kien minħabba impenji internazzjonali tal-Komunità jew minħabba l-bżonn ta' konformità ma' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, b'mod partikolari l-ftehim WTO/SPS u l-Liġi ta' l-Ikel ta' l-UE.

- Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza

*L-oqsma xjentifiċi/ta' kompetenza konċernati.*

Is-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma.

*Il-metodoloġija użata.*

L-opinjonijiet tqiesu fl-abbozz tal-proposta

*L-organizzazzjonijiet/esperti prinċipali kkonsultati.*

Il-bażi xjentifika għall-proposta ġiet stabbilita minn grupp ta' ħidma ta' esperti dwar is-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma mill-Istati Membri ta' l-UE u ta' l-EFTA/ŻEE. Minbarra dan ġew ikkonsultati wkoll esperti mill-industrija.

Il-livell taċ-ċertezza xjentifika: għoli.

*Pariri miksuba u użati.*

Iva

*Il-mezzi użati sabiex il-pariri ta' l-esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku.*

Il-pariri minn laqgħat ta' gruppi ta' ħidma ta' esperti u minn laqgħat ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati ma kinux disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, il-pariri ġew diskussi f'laqgħat ma' l-awtoritajiet kompetenti u mal-partijiet interessati.

- L-istima ta' l-impatt

Id-dispożizzjonijiet prinċipali biex prodott importat jitqiegħed fis-suq fil-parti l-kbira tagħhom ma nbidlux. Madankollu, tneħħew ċerti barrieri eżistenti għall-kummerċ mingħajr ma tqiegħed fil-periklu l-istat tas-saħħa ta' l-annimali ta' l-akkwakultura. Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-kontroll tal-mard ser jibqgħu kif inhuma, b'xi aġġustamenti minuri. Il-mard kollu meqjus bħala eżotiku għall-Komunità se jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' qerda mill-għeruq sabiex jinżamm l-istat ħieles tal-Komunità. Taħt il-leġiżlazzjoni preżenti tali miżuri huma applikati għall-mard tal-ħut imma mhux għall-mard tal-molluski. Id-dispożizzjonijiet ta' l-importazzjoni huma armonizzati mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE (l-aktar Direttiva reċenti li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali importati).

L-impatti pożittivi

Ser joħorġu impatti pożittivi minn sistema leġiżlattiva Komunitarja aġġornata li tqis il-konoxxenza xjentifika korrenti u l-istruttura ta' l-industrija ta' l-akkwakultura ta' llum fil-Komunità.

Ser ikun hemm bidla pożittiva fl-interess iffokat lil hinn mill-prevenzjoni tal-marda mifruxa u lejn il-frekwenza tal-marda. Bħalissa qed jintużaw riżorsi sinifikanti biex jinżamm l-istat ħieles mill-mard f'farms u żoni li ġew iddikjarati ħielsa mill-mard. Il-proposta kieku tippermetti lill-Istati Membri li jerġgħu iqassmu wħud minn dawn ir-riżorsi għal attivitajiet li jipprevjenu l-mard.

Il-proposta timplimenta l-filosofija li l-aħjar soluzzjoni sikwit tinsab l-eqreb tal-problema, u tiddelega aktar responsabbilità operattiva lill-Istati Membri.

Bl-introduzzjoni ta' sorveljanza ġenerali għas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskju, tista' tinkiseb idea ġenerali aqwa tas-sitwazzjoni tal-mard. Fl-istess ħin jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard f'farms jew f'żoni fejn il-mard ikun għadu ma nstabx.

Il-proposta tqis il-potenzjal għall-iskambju ta' l-aġenti tal-mard bejn l-annimali li jgħixu fl-ilma mrobbija għal skopijiet kummerċjali u oħrajn selvaġġi.

Il-leġiżlazzjoni l-ġdida ser tkun konsistenti mal-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali li Jgħixu fl-Ilma ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE), u ser tnaqqas il-barrieri għall-kummerċ eżistenti bejn pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-Komunità.

L-impatti negattivi

L-impatt negattiv ser ikun limitat, minħabba li l-proposta ser tkun ibbażata fil-parti l-kbira tagħha fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti. Xi elementi u kondizzjonijiet meħtieġa ġodda ser ikollhom impatt amministrattiv u ekonomiku fuq l-Istati Membri u fuq l-industrija.

Il-proposta għall-awtorizzazzjoni tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura ser tikkawża xogħol żejjed għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Madankollu, minħabba li l-farms kollha għat-trobbija tal-molluski u l-parti l-kbira tal-farms għat-trobbija tal-ħut huma diġà rreġistrati, il-kondizzjoni meħtieġa għall-awtorizzazzjoni tista' tintlaħaq mill-Istati Membri.

L-introduzzjoni ta' sorveljanza ġenerali tas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskju fil-farms jew fiż-żoni tal-farms kollha, hija estensjoni tal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-leġiżlazzjoni preżenti dwar il-molluski, li taħtha l-Istati Membri kollha jrid ikollhom programm għall-monitoraġġ u għat-teħid tal-kampjuni.

## 3. L-ELEMENTI Legall TAL-PROPOSTA

- Is-sommarju ta' l-azzjoni proposta

  Il-proposta tinkludi

  – Il-kondizzjonijiet meħtieġa ġenerali diretti lejn in-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbilimenti għall-ipproċessar, bħalma huma l-awtorizzazzjonijiet, u d-dispożizzjonijiet relatati mat-tħaddim tagħhom;

  – Id-dipożizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali biex jiġu offruti għall-bejgħ l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom;

  – Id-dispożizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali biex jiġu introdotti l-annimali ta' l-akkwakultura fil-Komunità minn pajjiżi terzi;

  – Id-dispożizzjonijiet għan-notifika u għall-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali li jgħixu fl-ilma;

  – Id-dispożizzjonijiet għad-dikjarazzjoni ta' stat ħieles mill-mard;

  – Il-kondizzjonijiet meħtieġa diretti lejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, u l-laboratorji;

  – Il-kondizzjonijiet tekniċi meħtieġa u l-linji ta' gwida stabbiliti fl-Annessi.

- Il-bażi legali

  L-Artikolu 37 tat-Trattat

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

  Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

  Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(ġejjin).

  Fl-interess tal-kompletar tas-suq intern, għandhom ikunu armonizzati għalkollox id-dispożizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali applikabbli biex ikunu offruti għall-bejgħ l-annimali ta' l-akkwakultura.

  Uħud mill-mardiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-kummerċ armonizzati huma mxerrda sew f'partijiet mill-Komunità. Madankollu m'huwiex realistiku li jkun infurzat l-istess livell ta' miżuri ta' kontroll fl-Istati Membri li huma ħielsa minn dan il-mard bħal fl-Istati Membri fejn dan il-mard huwa mxerred sew.

  L-introduzzjoni tal-prinċipju ta' kompartimentalizzazzjoni ser jippermetti aktar flessibilità.

  Il-piż amministrattiv u ekonomiku impost ser jirriżulta fi stat ogħla ta' saħħa, fi tnaqqis fit-telf minħabba mard u kummerċ aktar miftuħ. Il-piż finanzjarju miżjud mal-baġit tal-Komunità ser ikun limitat għall-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha x'taqsam mal-kontroll u mal-qerda mill-għeruq tal-mard li huma suġġetti għal miżuri ta' qerda mill-għeruq obbligatorji.

- L-għażla ta' l-istrumenti

  L-istrumenti proposti: id-Direttiva.

  Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(jiet) li ġejja(ġejjin).

  L-esperjenza sa mill-1964 ma' leġiżlazzjoni veterinarja armonizzata fil-Komunità, u b'mod partikolari mill-1991 ma' leġiżlazzjoni speċifika dwar is-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma, uriet li Direttiva tagħti flessibilità suffiċjenti lill-Istati Membri biex japplikaw il-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja fil-qafas ta' leġiżlazzjoni u amminstrazzjoni nazzjonali.

## 4. L-IMPLIKAZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-impatt ekonomiku fuq il-baġit tal-Komunità huwa mistenni li jkun limitat, u ser ikun l-aktar f'żewġ oqsma:

a) Il-kumpens ekonomiku fejn għandu x'jaqsam il-kontroll tal-mard.

   Il-proposta m'għandhiex taffettwa l-iżvilupp futur tal-politika Komunitarja dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-fond veterinarju.

   Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE fuq in-nefqa fil-qasam veterinarju diġà jippermetti appoġġ finanzjarju fejn għandhom x'jaqsmu t-tifqigħ ta' Nekrosi Infettiva li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm (IHN) u l-Anemija Infettiva tas-Salamun (ISA), taħt ir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 waħdu.

Huwa propost li l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma mill-Komunità għandha tkun eliġibbli permezz tal-Fond Ewropew għall-Industriji tas-Sajd (l-Artikolu 32 ta' COM (2004) 497).

Fil-proposta, it-tbiċċir/il-qerda mill-għeruq ta' bilfors ser ikunu biss meħtieġa taħt ir-regoli Komunitarji fejn għandhom x'jaqsmu t-tifqigħ ta' mard li huma meqjusa eżotiċi għall-Komunità. Fir-rigward ta' mard mhux eżotiku huwa propost li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk it-tifqigħa għandhiex tkun suġġetta għall-miżuri ta' qerda mill-għeruq jew ta' trażżin. Il-fondi Komunitarji taħt il-Fond Ewropew għall-Industriji tas-Sajd jistgħu jkunu disponibbli għall-miżuri ta' kontroll ta' mard bħal dan jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk.

Jekk tfaqqa' marda eżotika fil-Komunità, din ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit Komunitarju. L-istess jiġri fil-każ ta' kumpens għall-qerda mill-għeruq ta' mard mhux eżotiku, minħabba li l-allokazzjoni ta' fondi għall-qerda mill-għeruq issir fil-Programmi ta' Ħidma, li l-baġit tagħhom huwa ffissat mill-Kunsill fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Fl-interess ta' l-Istati Membri, kieku jkun konvenjenti li jiġi vvalutat l-impatt finanzjarju tal-qerda mill-għeruq fuq il-Programmi Operattivi tagħhom. Madankollu, huwa diffiċli li wieħed jikkalkula l-ispejjez relatati ma' dawn il-miżuri ta' qerda mill-għeruq, minħabba li fil-Komunità hemm esperjenza limitata ta' politika ta' qerda li tinvolvi kumpens ekonomiku fl-akkwakultura. Fil-każ tal-qorti ta' wara t-tifqigħ ta' l-ISA fir-Renju Unit u fl-Irlanda, kumpanija li kellha ħamsa mit-tlettax-il farm infettat ikklejmjat telf totali ta' madwar € 20-25 miljun. Taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali l-Isvezja ħallset kumpens totali ta' 1,5 miljun SEK (€165 000) tul perjodu ta' tliet snin fejn kellhom x'jaqsmu erba' każijiet ta' VHS fl-1998.

Huwa għalhekk diffiċli li wieħed jikkalkula l-impatt tal-proposta dwar il-Fond Ewropew għall-Industriji tas-Sajd, minħabba li dan jiddependi mid-daqs tal-farm(s) affettwat(i), il-valur ta' l-annimali miżmuma fil-farm(s), eċċ. Madankollu, iċ-ċifri t'hawn fuq jistgħu jagħtu indikazzjoni.

b) L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni primarja u l-addozzjoni u l-amministrazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja

Ladarba l-Kunsill jadotta l-proposta, ser ikun neċessarju li tiġi kkompilata, adottata u miżmuma l-leġiżlazzjoni sekondarja. Ser tkun neċessarja l-organizzazzjoni ta' numru ta' laqgħat tal-grupp ta' ħidma ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati, b'dawn ta' l-aħħar normalment mingħajr l-ebda spiża addizzjonali għall-baġit Komunitarju. Huwa impossibbli li jiġi ddeterminat in-numru ta' gruppi ta' ħidma, minħaba li dan ser jiddependi fuq il-komplessità ta' l-oġġetti, u tal-fehmiet ta' l-Istati Membri.

Wara d-dħul fis-seħħ ta' l-att, ser ikunu neċessarji l-ispezzjonijiet tal-FVO ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istati Membri fl-2008 u fl-2009 (13 jew 14-il ispezzjoni kull sena). Dawn l-ispezzjonijiet għandhom kemm jista' jkun isiru ma' l-ispezzjonijiet tas-saħħa pubblika għall-"prodotti ta' l-inudustrija tas-sajd" u għall-"molluski bivalvi ħajjin" skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004. Għandu jkun possibbli li jitnaqqas in-numru ta' missjonijiet fis-snin ta' wara.

## 5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- Is-semplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdi għas-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, is-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali).

Tliet direttivi ser jingħaqdu f'waħda.

Il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet korrenti fid-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KKE dwar il-kontroll tal-mard tal-ħut huma mtennija fid-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE dwar il-kontroll tal-mard tal-molluski.

Id-delegazzjoni tas-setgħa lill-Istati Membri biex jiddikjaraw kompartimenti individwali u żoni bħala ħielsa mill-mard ser twassal għal semplifikazzjoni fil-proċeduri amminstrattivi fl-Istati Membri u fis-servizzi tal-Kummissjoni.

- Ir-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta ser twassal għar-revoka tat-tliet Direttivi eżistenti.

- Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost huwa ta' relevanza għaż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-ŻEE.

2005/0153 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali li jgħixu fl-ilma**

**(Test b'relevanza għall–EEA)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Billi:

(1) L-annimali u l-prodotti ta' l-akkwakultura huma inklużi fl-Anness I għat-Trattat bħala annimali, ħut, molluski u krustaċji ħajjin. It-tnissil, it-trobbija u l-offerti għall-bejgħ ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom jikkostitwixxu sors importanti ta' introjtu għall-persuni li jaħdmu f'dan is-settur.

(2) Fil-kuntest tas-suq intern, ġew stabbiliti regoli speċifiċi għas-saħħa ta' l-annimali dwar l-offerti għall-bejgħ u l-introduzzjoni minn pajjiżi terzi tal-prodotti konċernati mid-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw l-offerti għall-bejgħ ta' l-annimali u tal-prodotti ta' l-akkwakultura[5].

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

(3) It-tifqigħ ta' mard fl-annimali ta' l-akkwakultura jistgħu jikkawżaw telfiet qawwija lill-industrija kkonċernata. Il-miżuri minimi li għandhom jiġu applikati fil-każ li jfaqqa' l-mard l-aktar importanti fil-ħut u fil-molluski ġew stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993 li introduċiet il-miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut[6], u d-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 li introduċiet il-miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard li jaffetwa l-molluski bivalvi[7].

(4) Il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti ġiet abbozzata prinċipalment biex titqies it-trobbija tas-salamun, tat-troti u tal-gajdri f'farms għal skopijiet kummerċjali. Minn meta ġiet adottata dik il-leġiżlazzjoni, l-industrija ta' l-akkwakultura tal-Komunità żviluppat b'mod sinifikanti. Numru ta' speċijiet ta' ħut addizzjonali, b'mod partikolari l-ispeċijiet tal-baħar, issa jintużaw fl-akwakultura. Tipi ġodda ta' prattika ta' trobbija f'farms għal skopijiet kummerċjali li jinvolvu speċijiet ta' ħut oħra ukoll saru dejjem aktar komuni, b'mod partikolari wara t-tkabbir reċenti tal-Komunità. Barra minn dan, it-trobbija f'farms ta' krustaċji, molluski bivalvi, gandoffli u widnejn il-baħar għal skopijiet kummerċjali qed issir dejjem aktar importanti.

(5) Il-miżuri kollha ta' kontroll tal-mard għandhom impatt ekonomiku fuq l-akkwakultura. Kontrolli mhux adegwati jistgħu jwasslu għat-tifrix tal-patoġeni, li jistgħu jikkawżaw telfiet kbar ħafna u jikkompromettu l-istat tas-saħħa ta' l-annimali tal-ħut, tal-molluski u tal-krustaċji użati fl-akkwakultura tal-Komunità. Min-naħa l-oħra, regolamentazzjoni eċċessiva tista' tpoġġi restrizzjonijiet li m'humiex neċessarji fuq il-kummerċ ħieles.

(6) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad-19 ta' Settembru 2002 (COM/2002/0511 finali) tistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Akkwakultura Ewropea. Dik il-Komunikazzjoni pproponiet serje ta' miżuri maħsuba biex joħolqu impjiegi għal perjodu twil ta' żmien fis-settur ta' l-akkwakultura, fosthom li jiġu inkoraġġuti standards għoljin tas-saħħa u tal-benesseri ta' l-annimali, u azzjonijiet ambjentali biex jiżguraw industrija b'saħħitha. Dawk il-miżuri għandhom jitqiesu.

(7) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 91/67/KEE, il-Komunità rratifikat il-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) rigward Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-Ftehim SPS). Il-Ftehim SPS jirreferi għal-Linji ta' Gwida ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE). Il-kondizzjonijiet meħtieġa tas-saħħa ta' l-annimali biex jiġu offruti għall-bejgħ annimali ta' l-akkwakultura ħajjin u l-prodotti tagħhom fil-Komunità fid-Direttiva 91/67/KEE huma aktar ibsin minn dawk il-Linji ta' Gwida.

---

[6] ĠU L 175, 19.7.1993, p. 23. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[7] ĠU L 332, 30.12.1995, p. 33. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(8) Sabiex ikun żgurat l-iżvilupp razzjonali ta' dan is-settur u biex tiżdied il-produttività, ir-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma għandhom jiġu stabbiliti fuq livell Komunitarju. Dawn ir-regoli huma neċessarji, fost affarijiet oħra, biex jikkontribwixxu għall-kompletar tas-suq intern u biex jiġi evitat li jinfirex il-mard infettiv. Il-leġiżlazzjoni għandha tkun flessibbli biex tqis l-iżviluppi kontinwi u d-diversità tas-settur ta' l-akkwakultura, u wkoll l-istat tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità.

(9) Din id-Direttiva għandha tkopri l-annimali ta' l-akkwakultura, u dawk l-ambjenti li jistgħu jaffetwaw l-istat tas-saħħa ta' dawn l-annimali. B'mod ġenerali d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għall-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma fejn is-sitwazzjoni ambjentali tista' taffetwa l-istat tas-saħħa ta' l-annimali ta' l-akkwakultura, jew fejn huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' leġiżlazzjoni oħra Komunitarja, bħad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħarsien ta' l-ambjenti naturali u tal-fawna u tal-flora selvaġġi[8] jew għall-ħarsien ta' l-ispeċijiet li jissemmew fil-lista ppreparata mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet tal-Fawna u tal-Flora Selvaġġi li Qegħdin f'Periklu li Jinqerdu (CITES). Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-adozzjoni ta' regoli aktar stretti fuq l-introduzzjoni ta' speċijiet li mhumiex indiġeni.

(10) L-awtoritajiet kompetenti maħtura għall-fini ta' din id-Direttiva għandhom iwettqu l-funzjonijiet u d-doveri tagħhom skond il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti li joriġinaw mill-annimali intenzjonati biex jittieklu mill-bniedem[9], u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tkun żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u ta' l-ikel, ir-regoli tas-saħħa ta' l-annimali u l-benesseri ta' l-annimali[10].

(11) Għall-iżvilupp ta' l-akkwakultura fil-Komunità huwa neċessarju li jiżdiedu l-għarfien u l-preparazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura fl-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu l-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda mill-għeruq tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma.

(12) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikollhom aċċess għal, u japplikaw, it-teknika u l-konoxxenza l-aktar aġġornati fl-oqsma ta' l-analiżi tar-riskju u ta' l-epidemjoloġija. Dan huwa ta' importanza dejjem akbar minħabba li l-obbligi internazzjonali fi ħdan il-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ issa jiffokaw fuq l-analiżi tar-riskju fejn għandha x'taqsam l-adozzjoni tal-miżuri sanitarji.

---

8 ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

9 ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; il-verżjoni korretta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1); il-verżjoni korretta (ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

10 ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

(13) Huwa xieraq li fil-livell Komunitarju tiġi introdotta sistema ta' awtorizzazzjoni ta' negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura. Awtorizzazzjoni bħal din ser tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jistabbilixxu idea ġenerali kompleta ta' l-industrija ta' l-akkwakultura, li tkun tista' tassisti fil-prevenzjoni, fil-kontroll u fil-qerda mill-għeruq tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma. Barra minn dan, l-awtorizzazzjoni tippermetti li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet meħtieġa speċifiċi li jridu jiġu sodisfatti min-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura sabiex ikun jista' jaħdem. Awtorizzazzjoni bħal din għandha, fejn huwa possibbli, tingħaqad ma' jew tiġi inkluża f'sistema ta' awtorizzazzjoni li l-Istati Membri jistgħu jkunu diġà waqqfu għal skopijiet oħra, per eżempju taħt leġiżlazzjoni ambjentali. Barra dan, awtorizzazzjoni bħal din m'hijiex ser tkun piż żejjed għall-industrija ta' l-akkwakultura, meta titqies il-Proposta tat-13 ta' Jannar 2004 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fis-suq intern[11], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha.

(14) L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li joħorġu awtorizzazzjoni jekk l-attività konċernata tista' toħloq riskju inaċċettabbli li jinferex mard lil annimali ta' l-akkwakultura oħrajn jew lil annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma. Qabel ma jiġi deċiż li tkun irrifjutata awtorizzazzjoni, iridu jitqiesu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju jew jinstab post alternattiv għall-attività konċernata.

(15) It-trobbija ta' l-annimali ta' l-akkwakultura biex jittieklu mill-bniedem taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel[12], bħala produzzjoni primarja. L-obbligi imposti fuq negozji individwali tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura taħt din id-Direttiva, bħalma huma ż-żamma tar-reġistri, u s-sistemi interni li jippermettu lin-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura juri lill-awtorità kompetenti li l-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti ta' din id-Direttiva qed jiġu sodisfatti, għandhom fejn huwa possibbli jingħaqdu ma' l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(16) Għandha tingħata aktar attenzjoni biex ma jitħallewx ifaqqgħu l-mard aktar milli tkun ikkontrollata l-marda ladarba tkun faqqgħat. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti miżuri minimi għall-prevenzjoni tal-mard u għall-mitigazzjoni tar-riskju li għandhom jiġu applikati għall-katina tal-produzzjoni kollha kemm hija fl-akkwakultura, mill-fertilizzazzjoni u t-tifqis ta' bajd sa l-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura biex jittieklu mill-bniedem, inkluż it-trasport.

(17) Sabiex tittejjeb is-saħħa ġenerali ta' l-annimali u tingħata assistenza għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali permezz ta' traċċabilità mtejba, għandu jiġi rreġistrat il-moviment ta' l-annimali ta' l-akkwakultura billi tintuża sistema elettronika armonizzata għall-movimenti ta' l-annimali, bħal dik li bħalissa hija stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 rigward il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u ta' prodotti għall-kompletar tas-suq intern[13]. Fejn huwa xieraq, dawn il-movimenti għandhom ukoll jiġu suġġetti għal ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali.

---

[11] KOM(2004) 2 finali.

[12] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; il-verżjoni korretta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3).

[13] ĠU L 224, 18.8.1990. p. 29 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

(18) Sabiex tinkiseb idea ġenerali tas-sitwazzjoni tal-marda, biex tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida fil-każ ta' suspett ta' marda u biex jitħarsu l-farms jew iż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li għandhom standard għoli tas-saħħa ta' l-annimali, għandha tiġi applikata sorveljanza fuq is-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskji f'kull farm u żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali bħal dawn.

(19) Huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-mard prinċipali ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-livell Komunitarju ma jinxteridx. Għandhom għalhekk jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet armonizzati għas-saħħa ta' l-annimali biex ikunu offruti għall-bejgħ b'dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-ispeċijiet suxxettibbli għal dak il-mard. Għalhekk għandha tiġi stabbilita lista ta' dan il-mard u l-ispeċi suxxettibbli.

(20) Il-prevalenza ta' dan il-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma m'hijiex l-istess madwar il-Komunità. Għalhekk għandha ssir referenza għall-kunċett ta' l-Istati Membri li huma ddikjarati ħielsa mill-mard, u meta wieħed ikun qed jittratta mal-partijiet mit-territorju, maż-żoni jew mal-kompartimenti kkonċernati. Għandhom ikunu stabbiliti il-kriterji ġenerali u l-proċeduri sabiex jingħata, jinżamm, jiġi sospiż jew irtirat stat ta' saħħa bħal dan.

(21) Sabiex jinżamm u jittejjeb l-istat ġenerali tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità, l-Istati Membri, iż-żoni jew il-kompartimenti ddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard elenkat għandhom jiġu mħarsa mill-introduzzjoni ta' tali mard. Madankollu, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' restrizzjonijiet kummerċjali mhux neċessarji, għandu jiġi permess l-iskambju ta' l-annimali ta' l-akkwakultura bejn l-Istati Membri, iż-żoni jew il-kompartimenti fejn hemm preżenti waħda jew aktar minn dawn il-mard, sakemm jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju matul it-trasport.

(22) It-tbiċċir u l-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura li huma suġġetti għall-miżuri ta' kontroll tal-mard jistgħu jxerrdu l-marda, *inter alia* minħabba t-tnixxija ta' ħmieġ li fih il-patoġeni mill-impjanti ta' l-ipproċessar. Huwa għalhekk neċessarju għall-Istati Membri li jkollhom aċċess għall-istabbilimenti ta' l-ipproċessar li ġew awtorizzati kif suppost sabiex iwettqu tbiċċir u pproċessar bħal dan mingħajr ma jipperikolaw l-istat tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma mrobbija f'farms għal skopijiet ta' kummerċ u dawk l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma, inkluż fejn għandha x'taqsam it-tnixxija tal-ħmieġ.

(23) Il-ħastra ta' laboratorji Komunitarji u laboratorji nazzjonali ta' referenza għandha tikkontribwixxi riżultati dijanjostiċi ta' kwalità u uniformità għolja. Dak l-għan jista' jintlaħaq b'attivitajiet bħall-applikazzjoni ta' testijiet dijanjostiċi validati u bħall-organizzazzjoni ta' ttestjar komparattiv u t-taħriġ ta' l-istaff tal-laboratorji.

(24) Il-laboratorji involuti fl-eżami tal-kampjuni uffiċjali għandhom jaħdmu skond il-proċeduri approvati internazzjonalment jew il-kriterji bbażati fuq l-istandards ta' turija u għandhom jużaw, kemm jista' jkun, metodi dijanjostiċi li ġew validati. Għal numru ta' attivitajiet relatati ma' eżami bħal dan, l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni (CEN), u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) żviluppaw Standards Ewropej (Standards EN) u Standards ISO rispettivament, xierqa għall-iskop ta' din id-Direttiva. Standards bħal dawn jirrelataw b'mod partikolari mat-tħaddim u mal-valutazzjoni tal-laboratorji u mat-tħaddim u ma' l-akkreditament tal-korpi tal-kontroll.

(25) Sabiex tkun żgurata l-iskoperta bikrija ta' kwalunkwe tifqigħa possibbli ta' mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma, huwa neċessarju li dawk li jiġu f'kuntatt ma' annimali li jgħixu fl-ilma ta' l-ispeċijiet suxxettibbli jiġu obbligati jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe każ suspett. L-ispezzjonijiet ta' rutina għandhom jitwettqu fl-Istati Membri sabiex ikun żgurat li l-operaturi tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura huma familjari ma', u japplikaw, ir-regoli ġenerali dwar il-kontroll tal-mard u l-bijosigurtà stabbiliti f'din id-Direttiva.

(26) Hija neċessarja l-prevenzjoni tat-tixrid tal-mard mhux eżotiku imma serju fl-annimali ta' l-akkwakultura hekk kif tfaqqa' l-marda permezz ta' monitoraġġ attent tal-movimenti ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ħajjin u l-prodotti tagħhom, u l-użu ta' tagħmir suġġett għall-kontaminazzjoni. L-għażla tal-miżuri li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti għandha tiddependi mis-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Istat Membru kkonċernat.

(27) Sabiex isir avvanz fl-istat tas-saħħa ta' l-annimali tal-Komunità, huwa xieraq li l-programmi bbażati fuq l-epidemjoloġija għall-kontroll u għall-qerda mill-għeruq ta' ċertu mard jitressqu mill-Istati Membri għal għarfien fuq livell Komunitarju.

(28) Għall-mard li m'huwiex suġġett għall-miżuri ta' kontroll Komunitarji, imma li huma ta' importanza lokali, l-industrija ta' l-akkwakultura għandha, bl-assistenza ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, tieħu aktar responsabbilità biex tikkontrolla dan il-mard permezz ta' l-awtoregolazzjoni u ta' l-iżvilupp tal-"kodiċijiet ta' prattika". Madankollu, jista' jkun neċessarju, sakemm jiġu stabbiliti kodiċijiet bħal dawn, li l-Istati Membri jimplimentaw ċerti miżuri ta' kontroll. Miżuri nazzjonali ta' kontroll bħal dawn iridu jkunu ġustifikati, neċessarji u proporzjonati ma' l-għanijiet li jridu jintlaħqu, u m'għandhomx jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(29) Hemm żvilupp kontinwu fil-konoxxenza fejn għandu x'jaqsam il-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma li s'issa ma kienx magħruf. Għalhekk jista' jkun neċessarju għal Stat Membru li japplika miżuri ta' kontroll fil-każ ta' mard bħal dan li jkun qed jitfaċċa. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu rapidi u adattati għal kull każ individwali, imma m'għandhomx jinżammu għal aktar żmien minn dak li huwa neċessarju biex jinkiseb l-għan tagħhom. Minħabba li mard li qed jitfaċċa issa bħal dan jista' wkoll jaffettwa Stati Membri oħra, l-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni għandhom jiġu informati bil-preżenza ta' marda li qed titfaċċa u bi kwalunkwe miżura ta' kontroll li ttieħdet.

(30) Huwa neċessarju u xieraq biex jinkiseb l-għan bażiku li jinżamm u, fl-eventwalità ta' tifqigħa, li jerġa lura l-istat ħieles mill-mard fl-Istati Membri, li jiġu stabbiliti regoli fuq il-miżuri biex jiżdied l-istat ta' preparazzjoni f'każ li tfaqqa' marda. It-tifqigħ għandhom jiġu kkontrollati kemm jista' jkun malajr, jekk ikun neċessarju bl-użu ta' tilqim ta' emerġenza, sabiex jiġu llimitati l-effetti avversi fuq il-produzzjoni ta', u l-kummerċ ta', l-annimali ta' l-akkwakultura ħajjin u tal-prodotti tagħhom.

(31) Id-Direttiva 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarju li jirrelata mal-prodotti mediċinali veterinarji[14] u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u għas-sorveljanza tal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u għall-użu veterinarju u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini[15], jeħtieġu li, b'eċċezzjonijiet minuri biss, il-prodotti mediċinali veterinarji kollha li jkunu offruti għall-bejgħ fil-Komunità għandu jkollhom awtorizzazzjoni biex jiġu kkumerċjalizzati. B'mod ġenerali, it-tilqim kollu użat fil-Komunità għandu jkollu l-awtorizzazzjoni biex jiġi kkumerċjalizzat. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu ta' prodott mingħajr awtorizzazzjoni li jkun ikkumerċjalizzat fl-eventwalità ta' epidemija serja suġġett għal ċerti kondizzjonijiet, skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004. It-tilqim kontra l-mard eżotiku u dak li qed jitfaċċa fl-annimali ta' l-akkwakultura jista' jikkwalifika għal deroga bħal din.

(32) Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet biex ikun żgurat il-livell neċessarju ta' l-istat ta' preparazzjoni biex jiġu ttrattati b'mod effettiv is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati ma' tifqigħa waħda jew aktar minn waħda ta' mard eżotiku jew mard li qed jitfaċċa serju li jaffetwa lill-akkwakultura, b'mod partikolari billi jkunu kkompilati pjanijiet kontinġenti biex jikkumbattuh. Pjanijiet ta' kontinġenza bħal dawn għandhom jiġu riveduti u aġġornati b'mod regolari.

(33) Fejn il-kontroll ta' marda serja ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma hija suġġetta għall-miżuri armonizzati Komunitarji tal-qerda mill-għeruq, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru xxxx/200Y dwar il-Fond Ewropew għall-Industriji tas-Sajd[16]. Kwalunkwe applikazzjoni għal appoġġ Komunitarju għandha tiġi suġġetta għal skrutinju fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' kontroll stabbiliti f'din id-Direttiva.

(34) L-annimali ta' l-akkwakultura ħajjin u l-prodotti tagħhom importati minn pajjiżi terzi ma jridux jippreżentaw periklu għas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità. Għal dak l-għan, din id-Direttiva għandha tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni ta' l-introduzzjoni tal-mard epiżotiku.

(35) Sabiex tiġi mħarsa s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità huwa neċessarju li jiġi żgurat aktar li l-konsenji ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ħajjin li jgħaddu mill-Komunità jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-ispeċijiet konċernati.

(36) Il-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-Ftehim SPS. Din id-Direttiva għandha għalhekk tqis il-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali li Jgħixu fl-Ilma u l-Manwâl tat-Testijiet Dijanjostiċi għall-Annimali li Jgħixu fl-Ilma tal-OIE.

---

14 ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004 p. 58).

15 ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

16 KOM(2004) 497 finali – Il-Proposta għall-Regolament tal-Kunsill għal Fond tas-Sajd Ewropew.

(37) Li jiġu offruti għall-bejgħ l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma tinvolvi varjetà wiesgħa ta' speċijiet, sikwit speċijiet tropikali, għal skopijiet ornamentali biss. Dawk l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma jinżammu normalment f'akkwarji jew vaski privati, ċentri bil-ġonna, jew f'akkwarji ta' l-esibizzjonijiet, mhux f'kuntatt dirett ma' l-ilmijiet tal-Komunità. Għaldaqstant, l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma li jinżammu f'dawn il-kondizzjonijiet ma joħolqux l-istess riskju lil setturi oħra ta' l-akkwakultura tal-Komunità jew lill-annimali selvaġġi. Huwa għalhekk xieraq li ma jiġux stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-offerti għall-bejgħ, il-vjaġġ u l-importazzjoni ta' l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma, miżmuma f'dawn il-kondizzjonijiet.

(38) Madankollu, fejn l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma jinżammu barra minn sistemi magħluqa jew minn akkwarji, f'kuntatt dirett ma' l-ilmijiet naturali tal-Komunità, dawn jistgħu joħolqu riskju sinifikanti għall-akkwakultura tal-Komunità jew għall-annimali selvaġġi. B'mod partikolari dan huwa l-każ tal-popolazzjonijiet ta' karpjuni (*Cyprinidae*), minħabba li ħut ornamentali popolari bħall-karpjuni koi huma suxxettibbli għal xi mard li jaffetwaw speċijiet oħra ta' karpjuni mrobbija f'farms għal skopijiet kummerċjali fil-Komunità jew li jinsabu fl-ambjent naturali tagħhom. F'dawn il-każijiet, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din id-Direttiva.

(39) It-twaqqif ta' mezzi elettroniċi ta' skambju ta' informazzjoni huwa ta' importanza kbira għas-semplifikazzjoni, għall-benefiċċju ta' l-industrija ta' l-akkwakultura u ta' l-awtoritajiet kompetenti. Sabiex jintlaħaq dak l-obbligu, hemm bżonn li jiġu introdotti kriterji komuni.

(40) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli għal pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-pieni jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(41) Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq biex jinkisbu l-għanijiet bażiċi ta' din id-Direttiva li tkun provduta l-approssimazzjoni tal-kunċetti, tal-prinċipji u tal-proċeduri li jifformaw bażi komuni għal-leġiżlazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tilħaq l-għanijiet mixtieqa, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.

(42) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċizjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[17].

(43) Huwa xieraq li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-saħħa ta' l-annimali fejn għandhom x'jaqsmu l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom. Għalhekk, id-Direttivi 91/67/KEE, 93/53/KEE u 95/70/KE għandhom jiġu revokati u sostitwiti minn din id-Direttiva,

---

[17] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu I
# Is-suġġett, l-ambitu u d-definizzjonijiet

*Artikolu 1*
*Is-suġġett*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi:

a) il-kondizzjonijiet meħtieġa għas-saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu applikati biex l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom jiġu offruti għall-bejgħ, ikunu importati u jinġarru;

b) il-miżuri minimi ta' prevenzjoni bl-għan li jżidu l-għarfien u l-istat ta' preparazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, ta' l-operaturi tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u ta' oħrajn relatati ma' din l-industrija, għall-mard fl-annimali ta' l-akkwakultura;

c) il-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati jekk ikun hemm suspett jew tifqigħa ta' ċertu mard fl-annimali li jgħixu fl-ilma.

2. L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jieħdu miżuri aktar ibsin fil-qasam kopert mill-Artikolu 13 tal-Kapitolu II u mill-Kapitolu V, sakemm dawn il-miżuri ma jaffetwawx il-kummerċ ma' l-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 2*
*L-ambitu*

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

a) l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma mrobbija f'akkwarji mhux kummerċjali;

b) l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma miġbura jew maqbuda biex jiddaħħlu b'mod dirett fil-katina ta' l-ikel;

c) l-annimali li jgħixu fl-ilma maqbuda biex jipproduċu l-ħut imqadded mitħun użat bħala demel jew għalf għall-annimali (*fishmeal)*, għaż-żejt tal-ħut u għal prodotti simili.

2. Il-Kapitolu II, it-Taqsimiet 1 sa 4 tal-Kapitolu III, u l-Kapitoli IV u VII m'għandhomx japplikaw għall-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma li jinżammu fi ħwienet li jbigħu l-annimali, f'ċentri tal-ġonna jew f'akkwarji kummerċjali:

a) mingħajr kwalunkwe kuntatt dirett ma' l-ilmijiet naturali fil-Komunità; jew

b) li huma mgħammra b'sistemi li jittrattaw il-ħmieġ mitfugħ 'il barra.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien ta' l-ispeċijiet jew l-introduzzjoni ta' speċijiet li mhumiex indiġeni.

*Artikolu 3*
*Id-definizzjonijiet*

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) *"akkwakultura"* tfisser it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi li jgħixu fl-ilma bl-użu ta' tekniki maħsuba biex iżidu l-produzzjoni ta' dawk l-organiżmi lil hinn mill-kapaċità naturali ta' l-ambjent u fejn l-organiżmi jibqgħu l-propjetà ta' persuna waħda jew ta' aktar minn waħda naturali jew legali matul l-istadji tat-trobbija jew tal-kultivazzjoni, sa u inkluż il-ġbir;

2) *"annimal ta' l-akkwakultura"* tfisser l-istadji kollha tal-ħajja, inklużi l-bajd u l-isperma/il-gameti, ta' kwalunkwe annimal li jgħix fl-ilma mrobbi f'farm jew f'żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali, inkluż kwalunkwe annimal bħal dan mill-ambjent naturali intenzjonat għal farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali;

3) *"in-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura"* tfisser kull intrapriża, sew jekk għall-profitt u sew jekk le, u kemm jekk pubblika u kemm jekk privata, li twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet relatati mat-trobbija ta' l-annimali ta' l-akkwakultura;

4) *"l-operatur tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura"* tfisser il-persuni naturali jew legali responsabbli biex jiżguraw li jintlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' din id-Direttiva fin-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura taħt il-kontroll tagħhom;

5) *"annimal li jgħix fl-ilma"* tfisser:

a) il-ħut li jappartjenu għall-klassijiet *Agnatha*, *Chondrichytes* u *Osteichtyes*;

b) il-molluski li jappartjenu għall-grupp *Mollusca*;

c) il-krustaċji li jappartjenu għall-klassi *Crustacea*;

6) *"stabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar"* tfisser kwalunkwe negozju ta' l-ikel:

a) approvat jew awtorizzat skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura għal skopijiet ta' ikel; u

b) awtorizzat skond l-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Direttiva;

7) *"operatur ta' stabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar"* tfisser il-persuni naturali jew legali responsabbli biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' din id-Direttiva jintlaħqu fl-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar taħt il-kontroll tagħhom;

8) *"farm"* tfisser kwalunkwe binja, żona magħluqa, jew installazzjoni mħaddma minn negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura li fih jitrabbew l-annimali ta' l-akkwakultura bil-ħsieb li jkunu offruti għall-bejgħ, imma esklużi dawk fejn l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma miġbura jew maqbuda jinżammu għal ftit biex jittieklu mill-bniedem waqt li jistennew li jitbiċċru mingħajr ma jkunu mitmugħa;

9) "*trobbija f'farm*" tfisser it-trobbija ta' l-annimali ta' l-akkwakultura f'farm jew f'żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali;

10) *"żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali"* tfisser żona għall-produzzjoni jew żona fejn jinżammu l-molluski li fiha jaħdmu n-negozji kollha tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura taħt sistema komuni ta' bijosigurtà;

11) *"annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma"* tfisser annimali li jgħixu fl-ilma li huma mrobbija, jew offruti għall-bejgħ għal raġunijiet ornamentali biss;

12) *"offerti għall-bejgħ"* tfisser il-bejgħ, inkluż l-offerta għall-bejgħ jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment, kemm jekk mingħajr ħlas u kemm jekk bil-ħlas, u kwalunkwe forma ta' moviment ta' l-annimali ta' l-akkwakultura;

13) *"żona tal-produzzjoni"* tfisser kwalunkwe żona ta' baħar, estwarju jew laguna, li fiha saffi naturali ta' molluski jew postijiet użati għall-koltivazzjoni ta' molluski, u minn fejn jittieħdu l-molluski;

14) *"meded ta' ilma fejn isir is-sajd tqiegħed u tieħu"* tfisser għadajjar, lagi jew ilmijiet mhux magħluqa li huma sostnuti mill-introduzzjoni ta' annimali li jgħixu fl-ilma primarjament għall-attivitajiet ta' rikreazzjoni aktar milli ta' ħarsien jew biex tittejjeb il-popolazzjoni naturali;

15) *"żona fejn jinżammu l-molluski"* tfisser kwalunkwe żona ta' baħar, estwarju jew laguna b'limiti mmarkati b'mod ċar u indikati minn bagi, arbli jew kwalunkwe mezz ieħor li ma jiċċaqlaqx, u użata esklussivament għall-purifikazzjoni naturali tal-molluski ħajjin;

16) *"annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma"* tfisser annimali li jgħixu fl-ilma li m'humiex annimali ta' l-akkwakultura.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness I għandhom japplikaw ukoll.

# Kapitolu II
# In-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar

*Artikolu 4*
*L-awtorizzazzjoni għan-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u għall-istabbilimenti għall-ipproċessar*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura huwa awtorizzat kif suppost mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 5.

Fejn hu xieraq, awtorizzazzjoni bħal din tista' tkopri diversi negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura tal-molluski f'żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali.

Madankollu, ċentri tal-bgħit, ċentri tal-purifikazzjoni jew negozji simili li jinsabu f'żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali għandu jkollhom awtorizzazzjoni individwali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li numru suffiċjenti ta' stabbilimenti ta' l-ipproċessar fit-territorju tagħhom huma awtorizzati għat-tbiċċir u għall-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura li qed jinġabru u jitbiċċru għall-finijiet ta' kontroll tal-mard, skond il-Kapitolu V.

Dawk l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar għandu jkollhom awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 5.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar ikollhom numru ta' l-awtorizzazzjoni uniku.

4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li installazzjonijiet oħra minbarra n-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura, fejn jinżammu l-annimali li jgħixu fl-ilma mingħajr l-intenzjoni li jkunu offruti għall-bejgħ, u l-meded ta' ilma fejn isir is-sajd tqiegħed u tieħu jridu jiġu rreġistrati mill-awtorità kompetenti.

F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw *mutatis mutandis* filwaqt li jqisu n-natura, il-karatteristiċi u s-sitwazzjonijiet ta' l-installazzjoni jew il-medda ta' ilma fejn isir is-sajd tqiegħed u tieħu kkonċernati u r-riskju ta' tifrix ta' mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma lil gruppi oħra ta' annimali li jgħixu fl-ilma minħabba t-tħaddim tagħha.

5. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi skond l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*Artikolu 5*
*Il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet, kif provduti fl-Artikolu 4(1) u (3), jingħataw biss mill-awtorità kompetenti jekk l-operatur tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura jew l-operatur ta' l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar:

   a) jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti ta' l-Artikoli 8, 9 u 10;

   b) għandu sistema stabbilita li tippermetti lill-operatur tan-negozju juri lill-awtorità kompetenti li dawk il-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti qed jiġu sodisfatti;

   c) jibqa' taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti, li għandha twettaq id-doveri stabbiliti fl-Artikolu 54(1).

2. Ma tingħatax awtorizzazzjoni jekk l-attività konċernata tista' twassal għal riskju mhux aċċettabbli ta' tixrid ta' mard lejn il-farms, lejn iż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali jew għall-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma fil-viċinanza tal-farm jew taż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali.

   Madanakollu, qabel ma tittieħed deċiżjoni biex tkun irrifjutata l-awtorizzazzjoni, għandhom jitqiesu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju inkluż post alternattiv possibbli għall-attività konċernata.

3. L-Istati Membi għandhom jiżguraw li l-operatur tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura jew l-operatur ta' l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar iressaq l-informazzjoni rilevanti kollha biex jippermetti lill-awtorità kompetenti tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni intlaħqux, inkluż li l-awtorità kompetenti tkun ipprovduta bl-informazzjoni meħtieġa skond l-Anness II.

*Artikolu 6*
*Ir-reġistru*

L-Istati Membri għandhom iwaqqfu u jżommu aġġornat reġistru tan-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u ta' l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar li jinkludi ta' l-inqas l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II.

Minħabba l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' traċċabilità provduti fl-Artikolu 14, il-kontenuti ta' dak ir-reġistru għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 7*
*Is-sorveljanza*

L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja n-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar.

Sorveljanza bħal din għandha ta' l-inqas tikkonsisti fi żjarat u verifiki regolari. Il-frekwenza ta' żjarat bħal dawn u tal-verifiki għandha tiġi ddeterminata billi jitqies ir-riskju li joħolqu n-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar fejn għandu x'jaqsam it-tixrid ta' mard lill-annimali li jgħixu fl-ilma li jinsabu fil-qrib tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura jew ta' l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar.

*Artikolu 8*
*Ir-reġistrazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura jżommu dokumenti dwar:

   a) il-movimenti kollha ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom, lejn il-farm jew 'il barra mill-farm jew miż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali;

   b) in-numru ta' mwiet f'kull unità epidemjoloġika kif ikun rilevanti għat-tip ta' produzzjoni;

   c) ir-riżultati ta' l-iskema ta' sorveljanza tas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskju pprovduta fl-Artikolu 10.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar iżommu d-dokumenti dwar il-movimenti kollha ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom, lejn u 'l barra minn dawn l-istabbilimenti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta qed jiġu ttrasportati l-annimali ta' l-akkwakultura, dawk li qed jittrasportaw iżommu d-dokumenti dwar:

   a) in-numru ta' mwiet waqt li qed jiġu ttrasportati, kif inhu prattiku għat-tip ta' trasport u għall-ispeċijiet li qed jiġu trasportati;

   b) il-farms, iż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali u l-istabbilimenti għall-ipproċessar li żar il-mezz għat-trasport;

   c) kwalunkwe skambju ta' l-ilma matul it-trasport, b'mod partikolari s-sorsi ta' l-ilma ġdid u l-ħruġ ta' l-ilma.

*Artikolu 9*
*Prattika tajba ta' l-iġjene*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar jimplimentaw prattika ta' iġjene tajba, kif ikun rilevanti għall-attività kkonċernata, biex ma jitħalliex jiddaħħal jew jinxtered il-mard.

*Artikolu 10*
*L-iskema tas-sorveljanza tas-saħħa ta' l-annimali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skema ta' sorveljanza għas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskju tiġi applikata fil-farms u fiż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali kollha, kif ikun xieraq għat-tip ta' produzzjoni.

2. L-iskema tas-sorveljanza għas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq ir-riskju għandu jkollha l-għan li tiskopri:

   a) kwalunkwe żjieda fin-numru ta' mwiet fil-farms u fiż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali kollha kif ikun xieraq għat-tip ta' produzzjoni;

   b) il-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, fil-farms u fiż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali fejn hemm preżenti speċijiet suxxettibbli għal dak il-mard.

3. Il-kondizzjonijiet minimi meħtieġa għall-iskema tas-sorveljanza għas-saħħa ta' l-annimali, għall-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, ibbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fl-Anness IV, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2).

# Kapitolu III
# Il-kondizzjonijiet meħtieġa għas-saħħa ta' l-annimali biex ikunu offruti għall-bejgħ fis-suq ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom

## TAQSIMA 1
## ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 11*
*L-ambitu*

1. Sakemm mhux provdut mod ieħor, dan il-Kapitolu għandu japplika biss għall-mard u għall-ispeċijiet suxxettibbli għalihom elenkati fil-Parti II ta' l-Anness III.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom jiġu offruti għall-bejgħ għal raġunijiet xjentifiċi, li m'humiex konformi ma' dan il-Kapitolu taħt is-sorveljanza stretta ta' l-awtorità kompetenti.

   L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li offerti għall-bejgħ bħal dawn ma jipperikolawx l-istat tas-saħħa fir-rigward tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-post tad-destinazzjoni jew fil-postijiet minn fejn jgħaddu.

   Kwalunkwe moviment bħal dan bejn l-Istati Membri m'għandux isir jekk qabel ma jkunux ġew innotifikati l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 12*
*Il-kondizzjonijiet meħtieġa ġenerali biex l-annimali ta' l-akkwakultura jkunu offruti għall-bejgħ*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom offruti għall-bejgħ ma jipperikolawx l-istat tas-saħħa fir-rigward tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-post tad-destinazzjoni.

2. L-annimali ta' l-akkwakultura għandhom biss jiġu introdotti f'farm ieħor jew f'żona oħra tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali fi stat ta' saħħa magħruf ekwivalenti għal jew aktar baxx minn dak tal-farm jew taż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li minnhom oriġinaw.

*Artikolu 13*
*Il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-prevenzjoni tal- mard fejn għandu x'jaqsam it-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

   a) l-miżuri neċessarji għall-prevenzjoni tal-mard jiġu applikati matul it-trasport ta' l-annimali ta' l-akkwakultura biex ma jitbiddilx l-istat tas-saħħa ta' dawk l-annimali matul it-trasport, u biex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard;

   b) l-annimali ta' l-akkwakultura jiġu ttrasportati f'kondizzjonijiet li la jbiddlu l-istat tas-saħħa tagħhom u lanqas jipperikolaw l-istat tas-saħħa tal-post tad-destinazzjoni, u fejn huwa xieraq, tal-postijiet minn fejn jgħaddu.

   Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-mard u għall-ispeċijiet suxxettibbli għalihom li m'humiex elenkati fil-Parti II ta' l-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe skambju ta' l-ilma matul it-trasport jsir f'postijiet u taħt kondizzjonijiet li ma jipperikolawx l-istat tas-saħħa ta':

   a) l-annimali ta' l-akkwakultura li qed jiġu trasportati;

   b) kwalunkwe annimal li jgħix fl-ilma fil-post fejn isir l-iskambju ta' l-ilma;

   c) l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-post tad-destinazzjoni.

*Artikolu 14*
*It-traċċabilità u ċ-ċertifikazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura li jiġu offruti għall-bejgħ biex jitrabbew f'farms għal raġunijiet kummerċjali u jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm, inkluż il-moviment ta' molluski bejn żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali, jiġu rrapportati billi tintuża s-sistema komputerizzata pprovduta fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-annimali ta' l-akkwakultura li jiġu offruti għall-bejgħ biex jittieklu mill-bniedem skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 18(1), il-punt (a) ta' l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 19(2).

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika meta l-annimali ta' l-akkwakultura huma mċaqalqa f'żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali jew bejn farms differenti li jappartjenu lil negozju wieħed tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura, sakemm iż-żoni tat-trobbija tal-molluski f'farms għal skopijiet kummerċjali jew il-farms jinstabu fl-istess Stat Membru u, fejn japplika, fl-istess żona jew kompartiment ħielsa mill-mard.

   Dawn il-movimenti għandhom jiġu rreġistrati mill-operatur tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura biex jitrabbew f'farms u jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm fi Stati Membri, żoni jew kompartimenti oħra ddikjarati ħielsa mill-mard skond l-Artikoli 49 u 50 huma suġġetti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-mard u għall-ispeċijiet suxxettibbli għalihom li m'humiex elenkati fil-Parti II ta' l-Anness III.

**TAQSIMA 2**
**L-ANNIMALI TA' L-AKKWAKULTURA INTENZJONATI GĦAT-TROBBIJA F'FARMS U JERĠGĦU JKABBRU L-AMMONT TA' ANNIMALI F'FARM**

*Artikolu 15*
*Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa biex l-annimali ta' l-akkwakultura jkunu offruti għall-bejgħ biex jitrabbew f'farms għal skopijiet kummerċjali u biex jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura offruti għall-bejgħ biex jitrabbew f'farms għal skopijiet kummerċjali ma jiġux minn farm jew minn żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali fejn kien hemm xi żjieda fin-numru ta' l-imwiet jew tifqigħa klinika ta' kwalunkwe marda fi żmien 31 ġurnata qabel id-data ta' meta ġew offruti għall-bejgħ, sakemm annimali bħal dawn mhumiex ġejjin minn parti tal-farm jew taż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali indipendenti, mil-lat epidemjoloġiku, mill-parti fejn kien hemm żjieda fin-numru ta' l-imwiet jew sinjali kliniċi ta' mard.

Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll fejn għandhom x'jaqsmu l-mard u l-ispeċijiet suxxettibbli għalihom li m'humiex elenkati fil-Parti II ta' l-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura intenzjonati għall-qerda jew għat-tbiċċir skond il-miżuri tal-kontroll tal-mard provduti fil-Kapitolu V ma jkunux offruti għall-bejgħ biex jitrabbew f'farms għal skopijiet kummerċjali u biex jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm.

3. L-annimali ta' l-akkwakultura jistgħu jinħelsu fl-ambjent naturali tagħhom u f'meded ta' ilma fejn isir is-sajd tqiegħed u tieħu biss biex jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm jekk huma:

a) jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa tal-paragrafu 1;

b) ġejjin minn farm jew minn żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali bi stat ta' saħħa ta' l-inqas ekwivalenti għall-istat tas-saħħa ta' l-ilmijiet il fihom ser jinħelsu.

Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-annimali ta' l-akkwakultura għandhom jiġu minn żona jew kompartiment, iddikjarat ħieles mill-mard skond l-Artikoli 49 jew 50.

*Artikolu 16*
*L-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ta' speċijiet suxxettibbli f'żoni ħielsa mill-mard*

1. Sabiex jiġu introdotti biex jitrabbew f'farms għal skopijiet kummerċjali jew biex jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn marda speċifika skond l-Artikoli 49 jew 50, l-annimali ta' l-akkwakultura ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għandhom joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ieħor ukoll iddikjarat ħieles minn dik il-marda.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn jista' jkun iġġustifikat b'mod xjentifiku li l-ispeċijiet suxxettibbli f'ċerti stadji tal-ħajja ma jxerrdux il-marda speċifika msemmija.

Lista ta' l-ispeċijiet u ta' l-istadji tal-ħajja li għalihom jista' japplika l-ewwel sottoparagrafu, għandha tiġi adottata u meta jkun neċessarju emendata biex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

*Artikolu 17*
*L-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ta' l-ispeċijiet mhux suxxettibbli f'żoni ħielsa mill-mard*

1. Fejn id-data xjentifika jew l-esperjenza prattika tissostanzja li speċijiet oħra differenti minn dawk li jissemmew fil-Parti II ta' l-Anness III bħala speċijiet suxxettibbli jistgħu jkunu responsabbli għat-tixrid passiv ta' marda speċifika, dawn l-ispeċijiet li jistgħu jgħaddu l-marda għandhom, meta jiġu introdotti fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn dik il-marda speċifika skond l-Artikoli 49 jew 50:

   a) joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ukoll ħieles minn dik il-marda speċifika; jew

   b) jinżammu f'faċilitajiet għall-kwarantina f'ilma ħieles mill-patoġen ikkonċernat għal perjodu ta' żmien suffiċjenti sabiex ir-riskju ta' tixrid passiv tal-marda speċifika jitnaqqas għal livell aċċettabbli.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn id-data xjentifika jew l-esperjenza prattika tissostanzja li l-ispeċijiet li jistgħu jgħaddu l-mard ma jgħaddux il-marda speċifika konċernata f'ċerti stadji tal-ħajja.

3. Lista ta' l-ispeċijiet li jgħaddu l-mard u l-istadji tal-ħajja li għalihom għandu japplika dan l-Artikolu, għandha tiġi adottata u meta jkun neċessarju emendata biex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2)

## TAQSIMA 3
## L-ANNIMALI TA' L-AKKWAKULTURA U L-PRODOTTI TAGĦHOM INTENZJONATI BIEX JITTIEKLU MILL-BNIEDEM

*Artikolu 18*

*L-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom offruti għall-bejgħ għal aktar ipproċessar qabel jittieklu mill-bniedem*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għal marda jew għal aktar minn marda waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, u l-prodotti tagħhom, jistgħu jkunu offruti għall-bejgħ biss għal aktar ipproċessar fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn dak il-mard skond l-Artikoli 49 jew 50, jekk huma konformi ma' waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin**:**

   a) joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-marda kkonċernata;

   b) huma pproċessati fi stabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar taħt kondizzjonijiet li ma jħallux li l-mard jinxtered;

   c) fir-rigward tal-ħut: jitbiċċru u jitnaddfu mill-ġewwieni tagħhom qabel ma jintbagħtu;

   d) fir-rigward tal-molluski u tal-krustaċji: jintbagħtu bħala prodotti mhux ipproċessati jew ipproċessati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għal waħda jew aktar minn waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III li jkunu offruti għall-bejgħ għal aktar ipproċessar fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn dik il-marda skond l-Artikoli 49 jew 50, jistgħu jinħażnu biss b'mod temporanju fil-post ta' l-ipproċessar jekk:

   a) joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-marda kkonċernata; jew

   b) jinżammu għal ftit żmien f'ċentri tal-bgħit, ċentri tal-purifikazzjoni jew negozji simili mgħammra b'sistema li tittratta l-ħmieġ mitfugħ 'il barra li tista' tagħmel lill-patoġeni kkonċernati inattivi, jew fejn il-ħmieġ huwa suġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli.

*Artikolu 19*
*L-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom offruti għall-bejgħ biex jittieklu mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar*

1. Din it-Taqsima m'għandhiex tapplika fejn l-annimali ta' l-akkwakultura, ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għal marda jew għal aktar minn waħda mill-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, jew il-prodotti tagħhom, jkunu offruti għall-bejgħ biex jittieklu mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, sakemm dawn jiġu ppakkjati f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut li huma konformi mad-dispożizzjonijiet għall-ippakkjar u għat-twaħħil tat-tikketti provduti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. Fejn molluski u krustaċji ħajjin ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għal marda jew għal aktar minn marda waħda mill-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, huma miżmuma għal ftit żmien fl-ilmijiet tal-Komunità, jew introdotti f'ċentri tal-bgħit, ċentri tal-purifikazzjoni jew negozji simili, għandhom jikkonformaw ma' l-Artikolu 18(2).

## TAQSIMA 4
## L-ANNIMALI SELVAĠĠI LI JGĦIXU FL-ILMA

*Artikolu 20*
*Il-ħelsien ta' l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma fi Stati Membri, żoni jew kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard*

1. L-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma ta' l-ispeċijiet suxxettibbli għal marda jew għal aktar minn marda waħda mill-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III maqbuda fi Stat Membru jew żona jew kompartiment li mhux iddikjarat bħala ħieles mill-mard skond l-Artikoli 49 jew 50, għandhom jitpoġġew fi kwarantina taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti f'faċilitajiet xierqa, għal perjodu ta' żmien suffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard għal livell aċċettabbli, qabel ma dawn ikunu jistgħu jinħelsu f'farm li jinstab fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles mill-marda kkonċernata skond l-Artikoli 49 jew 50.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu prattika tradizzjonali estensiva ta' l-akkwakultura fil-laguni, mingħajr il-kwarantina pprovduta fil-paragrafu 1, sakemm issir analiżi tar-riskju u r-riskju jitqies bħala li mhux ogħla minn dak li huwa mistenni mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

## TAQSIMA 5
## L-ANNIMALI ORNAMENTALI LI JGĦIXU FL-ILMA

*Artikolu 21*
*L-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma offruti għall-bejgħ*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ornamentali li jgħixu fl-ilma ma jipperikolawx l-istat tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fir-rigward tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll fejn għandu x'jaqsam il-mard mhux elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III.

# Kapitolu IV
# L-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom fil-Komunità minn pajjiżi terzi

*Artikolu 22*

*Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom minn pajjiżi terzi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom jiġu introdotti fil-Komunità biss minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fuq lista ppreparata u aġġornata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

*Artikolu 23*

*Il-listi ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet minn pajjiżi terzi li minnhom hija permessa l-introduzzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom*

1. Pajjiż terz, jew parti minn pajjiż terz, għandu jidher fuq il-lista pprovduta mill-Artikolu 22, biss jekk il-valutazzjoni li saret mill-Komunità ta' dak il-pajjiż, jew dik il-parti ta' pajjiż terz, uriet li l-awtorità kompetenti tipprovdi garanziji xierqa fir-rigward ta' konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa rilevanti għas-saħħa ta' l-annimali tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi jekk hiex neċessarja spezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 58(2) biex tkun ikkompletata l-valutazzjoni tal-pajjiż terz, jew tal-parti tal-pajjiż terz, ipprovduta fil-paragrafu 1.

3. Meta qed jiġu kkompilati jew aġġornati l-listi provduti fl-Artikolu 22, għandhom jitqiesu:

   a) il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz;

   b) l-organizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti u s-servizzi ta' spezzjoni tagħha fil-pajjiż terz, is-setgħat ta' dawn is-servizzi, is-sorveljanza li huma suġġetti għaliha, u l-mezzi li għandhom disponibbli, inkluża l-ħila ta' l-istaff, li japplikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom b'mod effettiv;

   c) il-kondizzjonijiet meħtieġa reali għas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma li japplikaw għall-produzzjoni, għall-manifattura, għall-immaniġġjar, għall-ħażna u għall-bgħit ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ħajjin intenzjonati għall-Komunità;

   d) l-assigurazzjonijiet li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tista' tagħti fir-rigward ta' konformità jew ekwivalenza mal-kondizzjonijiet rilevanti għas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma;

   e) kull esperjenza ta' bejgħ ta' annimali ta' l-akkwakultura ħajjin mill-pajjiż terz u r-riżultati ta' kwalunkwe kontroll fuq l-importazzjoni mwettaq;

f) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-Komunità, b'mod partikolari r-riżultati tal-valutazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat jew, fil-każ li l-Kummissjoni titlob dan, ir-rapport imressaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz dwar kwalunkwe spezzjoni mwettqa;

g) l-istat tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma mrobbija f'farms u l-annimali selvaġġi fil-pajjiż terz, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-mard eżotiku ta' l-annimali u kwalunkwe aspett tas-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-pajjiż li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fil-Komunità;

h) ir-regolarità, il-ħeffa u l-eżattezza li bihom il-pajjiż terz jipprovdi l-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' mard infettiv jew li jittieħed ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari l-mard li għandu jkun innotifikat elenkat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE);

i) ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma fis-seħħ fil-pajjiż terz u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi r-regoli dwar l-importazzjoni minn pajjiżi oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha tirranġa biex verżjonijiet aġġornati tal-listi kollha kkompilati jew aġġornati skond l-Artikolu 22 jkunu disponibbli għall-pubbliku.

5 Il-listi kkompilati skond l-Artikolu 22 jistgħu jingħaqdu ma' listi oħra kkompilati għall-finijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika.

*Artikolu 24*
*Id-dokumenti*

1. Dokument li fih ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għandu jkun flimkien mal-konsenji ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom kif dawn jidħlu fil-Komunità.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għandu jiċċertifika li l-konsenja tissodisfa:

a) il-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti għal tali merkanzija taħt din id-Direttiva; u

b) kwalunkwe kondizzjoni speċjali għall-importazzjoni stabbilita skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 25.

3. Id-dokument jista' jinkludi d-dettalji meħtieġa taħt dispożizzjonijeit oħra tal-leġiżlazzjoni Komunitarja għas-saħħa pubblika u għas-saħħa ta' l-annimali.

*Artikolu 25*
*Ir-regoli ddetaljati*

Fejn huwa neċessarju r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu jistgħu jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2). Dawk ir-regoli jistgħu jikkonċernaw b'mod partikolari:

a) il-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni għal kull pajjiż terz, għal partijiet minnhom jew għal gruppi ta' pajjiżi terzi;

b) il-kriterji biex ikunu kklassifikati l-pajjiżi terzi u partijiet minnhom fir-rigward tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma;

c) l-użu ta' dokumenti elettroniċi;

d) il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali u dokumenti oħra;

e) il-proċeduri u ċ-ċertifikazzjoni għall-ġarr.

# Kapitolu V
# In-notifika u l-miżuri minimi għall-kontroll tal-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma

## TAQSIMA 1
## IN-NOTIFIKA TAL-MARD

*Artikolu 26*
*In-notifika nazzjonali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

a) fejn hemm kwalunkwe raġuni biex wieħed jissusspetta l-preżenza ta' marda elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III, jew konferma ta' mard bħal dan f'annimali li jgħixu fl-ilma, is-suspett jiġi nnotifikat immedjatament lill-awtorità kompetenti;

b) meta jiżdiedu n-numri ta' l-imwiet fl-annimali ta' l-akkwakultura, iż-żjieda fl-imwiet tiġi nnotifikata immedjatament lill-awtorità kompetenti jew lill-veterinarju privat għal aktar investigazzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi biex jinnotifikaw il-kwistjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 1 jiġu imposti fuq:

a) il-propjetarju u kwalunkwe persuna li qed tieħu ħsieb l-annimali li jgħixu fl-ilma;

b) kwalunkwe persuna li takkompanja lill-annimali ta' l-akkwakultura matul it-trasport;

c) min jeżerċita l-professjoni veterinarja u professjonisti oħra involuti fis-servizzi tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma;

d) veterinarji uffiċjali, staff imlaħħaq tal-laboratorji veterinarji jew ta' laboratorji oħra uffiċjali jew privati;

e) kwalunkwe persuna oħra li għandha x'taqsam mal-ħidma ma' l-annimali li jgħixu fl-ilma ta' l-ispeċijiet suxxettibbli jew il-prodotti ta' annimali bħal dawn.

*Artikolu 27*
*In-notifika ta' l-Istati Membri l-oħra, tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri ta' l-EFTA*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Membri ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) fi żmien 24 siegħa fil-każ ta' konferma ta':

a) marda eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III;

b) marda mhux eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fejn l-Istat Membru, żona jew kompartiment ikkonċernat ġie ddikjarat ħieles minn dik il-marda.

## TAQSIMA 2
## IS-SUSPETT TA' MARDA ELENKATA

*Artikolu 28*
*Il-miżuri inizjali ta' kontroll*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' suspett ta' marda eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III jew, fil-każ ta' suspett ta' marda mhux eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fl-Istati Membri, fiż-żoni jew fil-kompartimenti ddikjarati ħielsa minn tali marda:

a) għandhom jittieħdu u jiġu eżaminati kampjuni xierqa f'laboratorju magħżul skond l-Artikolu 57;

b) sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-eżami pprovdut fil-punt (a):

   i) il-farm, jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali, li fihom huwa ssusspettat li faqqgħet il-marda, jitpoġġa taħt sorveljanza uffiċjali u jiġu implimentati l-miżuri rilevanti ta' kontroll sabiex il-marda ma titħalliex tinxtered fost annimali oħra li jgħixu fl-ilma; u

   ii) l-ebda annimal ta' l-akkwakultura ma jitħalla jitlaq minn jew jidħol fil-farm jew fiż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali affetwat li fih qed jiġi ssusspettat li faqqgħet marda, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 29*
*L-investigazzjonijiet epiżotiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq investigazzjoni epiżotika mill-awtorità kompetenti jekk l-eżami pprovdut fil-punt (a) ta' l-Artikolu 28 juri l-preżenza ta'

   a) marda eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fi kwalunkwe Stat Membru; jew

   b) marda mhux eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fil-Istati Membri, fiż-żoni jew fil-kompartimenti ddikjarati ħielsa minn din il-marda.

2. L-investigazzjoni epiżotika pprovduta fil-paragrafu 1 għandha jkollha l-għan li:

   a) tiddetermina l-mezzi possibbli ta' kontamizazzjoni; u

   b) tinvestiga jekk xi annimali ta' l-akkwakultura ħalliex il-farm jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali matul il-perjodu rilevanti qabel in-notifika tas-suspett skond l-Artikolu 26(1).

3. Fil-każ li l-investigazzjoni epiżotika pprovduta fil-paragrafu 1 turi li l-marda jista' jkun li ġiet introdotta f'wieħed mill-farms, miż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali jew mill-ilmijiet mhux magħluqa jew f'aktar minn wieħed, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-miżuri provduti fl-Artikolu 28 jiġu applikati f'farms, f'żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali jew f'ilmijiet mhux magħluqa bħal dawn.

   Fil-każ ta' żoni estensivi fejn jinġabar l-ilma jew ta' żoni mal-kosta, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tillimita l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 għal żona inqas estensiva fil-qrubija tal-farm, jew taż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali ssuspettat li huwa infettat, fejn tqis li din iż-żona inqas estensiva hija kbira biżżejjed biex tiggarantixxi li l-marda ma tistax tinfirex.

4. Fejn huwa neċessarju, l-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi fil-qrib għandhom jiġu informati bil-każ li huwa ssusspettat li huwa tal-marda.

   F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri involuti għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa biex japplikaw il-miżuri provduti f'dan l-Artikolu fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 30*
*It-tneħħija tar-restrizzjonijiet*

L-awtorità kompetenti għandha tneħħi r-restrizzjonijiet provduti fil-punt (b) ta' l-Artikolu 28 fejn l-eżami pprovduta fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu ma jirnexxilux juri l-preżenza tal-marda.

## TAQSIMA 3
## IL-MIŻURI MINIMI TA' KONTROLL FIL-KAŻ TA' KONFERMA TA' MARD EŻOTIKU FL-ANNIMALI TA' L-AKKWAKULTURA

*Artikolu 31*
*Id-dispożizzjoni preliminari*

Din it-Taqsima għandha tapplika fil-każ ta' konferma ta' marda eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fl-annimali ta' l-akkwakultura.

*Artikolu 32*
*Il-miżuri ġenerali*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

a) l-farm jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali hija uffiċjalment iddikjarata bħala infettata;

b) tiġi stabbilita żona tat-trażżin adattata għall-marda kkonċernata, inkluża żona għall-kontroll u żona għas-sorveljanza, madwar il-farm jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali ddikjarat infettat;

c) ma jiżdied l-ebda annimal u l-ebda annimal ta' l-akkwakultura ma jiddaħħal 'il ġewwa, jiċċaqlaq jew jinħareġ miż-żona tat-trażżin sakemm dan mhux awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 33*
*Il-ġbir u aktar ipproċessar*

1. L-annimali ta' l-akkwakultura li laħqu d-daqs kummerċjali u ma juru l-ebda sinjal kliniku li huma morda jistgħu jinġabru taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti biex jittieklu mill-bniedem jew għal aktar ipproċessar.

2. Il-ġbir, l-introduzzjoni f'ċentri tal-bgħit jew f'ċentri tal-purifikazzjoni, ta' aktar ipproċessar u għal kwalunkwe ħidma oħra relatata involuta fil-preparazzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura biex jiddaħħlu fil-katina ta' l-ikel għandu jitwettaq taħt il-kondizzjonijiet li ma jħallux li jinxtered il-patoġen li jikkawża l-marda.

3. Iċ-ċentri tal-bgħit, iċ-ċentri tal-purifikazzjoni jew negozji simili għandhom jiġu mgħammra b'sistema li tittratta l-ħmieġ kapaċi li tagħmel lill-patoġen imsemmi fil-paragrafu 2 inattiv, jew fejn il-ħmieġ irid ikun suġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid ta' mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli.

4. Aktar ipproċessar għandu jitwettaq fi stabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar.

*Artikolu 34*
*It-tneħħija u r-rimi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħut u l-krustaċji mejta, u wkoll il-ħut u l-krustaċji ħajjin li juru sinjali kliniċi ta' mard jitneħħew u jintremew taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], malajr kemm jista' jkun skond il-pjan ta' kontinġenza provdut fl-Artikolu 47 ta' din id-Direttiva.

2. L-annimali ta' l-akkwakultura li ma laħqux id-daqs kummerċjali u ma juru x sinjali kliniċi ta' mard għandhom, fi spazju ta' żmien xieraq meta jitqies it-tip ta' produzzjoni u r-riskju li annimali bħal dawn joħolqu għal aktar tixrid tal-marda, jitneħħew u jintremew taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, u l-pjan ta' kontinġenza provdut fl-Artikolu 47 ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 35*
*Mistrieħ*

Fejn huwa possibbli, farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali infettat għandu jgħaddi minn perjodu xieraq ta' mistrieħ wara li jitbattal u, fejn huwa xieraq, jitnaddaf u jiġi ddiżinfetat.

Għall-farms jew għaż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li qed irabbu l-annimali ta' l-akkwakultura li mhumiex suxxettibbli għall-marda kkonċernata, id-deċiżjonijiet rigward il-mistrieħ għandhom jiġu bbażati fuq stima tar-riskju.

*Artikolu 36*
*Il-ħarsien ta' l-annimali ta' l-akkwakultura*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex ma jħallux li l-marda tinxtered fost annimali oħra li jgħixu fl-ilma.

*Artikolu 37*
*It-tneħħija tal-miżuri*

Il-miżuri pprovduti f'din it-Taqsima għandhom jinżammu sakemm:

a) il-miżuri għall-qerda mill-għeruq ipprovduti f'din it-Taqsima jitwettqu; u

b) it-teħid tal-kampjuni u s-sorveljanza kif inhuma xierqa għall-marda kkonċernata u għat-tipi ta' negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura affettwati jitwettqu fiż-żona tat-trażżin b'riżultati negattivi.

---

18 ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

## TAQSIMA 4
## IL-MIŻURI MINIMI TA' KONTROLL FIL-KAŻ TA' KONFERMA TA' MARD MHUX EŻOTIKU FL-ANNIMALI TA' L-AKKWAKULTURA

*Artikolu 38*
*Id-dispożizzjonijiet ġenerali*

1. Fil-każ ta' konferma ta' marda mhux eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn dik il-marda, l-Istat Membru konċernat għandu japplika l-miżuri provduti fit-Taqsima 3 biex jerġa' jakkwista stat ħieles mill-mard bħal dak.

2. Fejn l-Istat Membru konċernat ma jixtieqx li jerġa' jakkwista stat ħieles mill-mard, għandu japplika l-Artikolu 39.

*Artikolu 39*
*Il-miżuri għat-trażżin*

Fil-każ ta' konferma ta' marda mhux eżotika elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III fi Stat Membru, żona jew kompartiment ħieles minn dik il-marda, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri biex irażżan dik il-marda.

Dawk il-miżuri għandhom ta' l-inqas jikkonsistu minn:

a) dikjarazzjoni li l-farm jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali huma infettati;

b) it-twaqqif ta' żona tat-trażżin adattata għall-marda konċernata, inklużi żona għall-kontroll u żona għas-sorveljanza madwar il-farm jew iż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali ddikjarati bħala infettati;

c) restrizzjoni tal-moviment ta' l-annimali ta' l-akkwakultura miż-żona tat-trażżin safejn dawn l-annimali jistgħu biss:

    i) jiġu introdotti f'farms jew f'żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali skond l-Artikolu 12(2); jew

    ii) jinġabru u jitbiċċru biex jittieklu mill-bniedem skond l-Artikolu 33(1);

d) it-tneħħija u r-rimi tal-ħut u tal-krustaċji mejtin, taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, f'perjodu ta' żmien xieraq filwaqt li jitqies it-tip ta' produzzjoni u r-riskju li dawn l-annimali mejtin joħolqu għal aktar tixrid tal-marda.

## TAQSIMA 5
## IL-MIŻURI MINIMI TA' KONTROLL FIL-KAŻ TA' KONFERMA TAL-MARD ELENKAT FIL-PARTI II TA' L-ANNESS III FL-ANNIMALI SELVAĠĠI LI JGĦIXU FL-ILMA

### *Artikolu 40*
### *Il-kontroll tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III fl-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma*

1. Fejn l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma huma infettati jew hemm suspett li huma infettati b'mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, l-Istat Membru konċernat għandu jimmonitorja s-sitwazzjoni, u jieħu l-miżuri neċessarji biex ma jħallix li l-marda tinxtered aktar.

2. Fejn l-annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma huma infettati jew hemm suspett li huma infettati b'mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III fi Stat Membru, f'żona jew f'kompartiment iddikjarat ħieles minn dik il-marda, l-Istat Membru għandu jimmonitorja wkoll is-sitwazzjoni u jieħu l-miżuri neċessarji biex ma jħallix li l-marda tinxtered aktar.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, fil-Kumitat li jissemma fl-Artikolu 62(1) bil-miżuri li jkunu ħadu skond il-paragrafi 1 u 2.

## TAQSIMA 6
## IL-MIŻURI TA' KONTROLL FIL-KAŻ TA' MARDA LI QED TITFAĊĊA

### *Artikolu 41*
### *Il-mard li qed jitfaċċa*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jikkontrollaw sitwazzjoni fejn qed titfaċċa marda u biex dik il-marda ma titħalliex tinxtered, fejn il-marda li qed titfaċċa konċernata għandha l-potenzjal li tipperikola s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma.

2. Fil-każ ta' sitwazzjoni ta' marda li qed titfaċċa, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma b'dan lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Membri ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) mingħajr dewmien fejn is-sejbiet għandhom importanza mil-lat epidemjoloġiku għal Stat Membru ieħor.

3. Fi żmien erba' ġimgħat, il-kwistjoni għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kumitat li jissemma fl-Artikolu 62(1). Il-miżuri li jittieħdu mill-Istat Membru kkonċernat skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu estiżi, emendati jew revokati skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(3).

## TAQSIMA 7
## IL-MIŻURI ALTERNATTIVI U D-DISPOŻIZZJONIJIET NAZZJONALI

*Artikolu 42*
*Il-proċedura biex jiġu adottati miżuri epidemjoloġiċi* ad hoc *għall-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III*

Tista' tiġi adottata Deċiżjoni skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2) biex tiġi awtorizzata l-implimentazzjoni ta' miżuri *ad hoc* għal perjodu ta' żmien limitat, taħt il-kondizzjonijiet xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika fejn:

a) il-miżuri pprovduti f'dan il-Kapitolu jinstabu li mhumiex adattati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika; jew

b) il-marda tidher li qed tinfirex minkejja l-miżuri meħuda skond dan il-Kapitolu.

*Artikolu 43*
*Id-dispożizzjonijiet nazzjonali biex jiġi llimitat l-impatt tal-mard mhux elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III*

1. Fejn marda li mhix elenkata fil-Parti II ta' l-Anness III tikkostitwixxi riskju sinifikanti għas-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma jew għall-ambjent fi Stat Membru, l-Istat Membru konċernat jista' jieħu miżuri biex jikkontrolla dik il-marda.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali ta' kontroll li jissemmew fil-paragrafu 1 ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex tiġi kkontrollata l-marda kif jinstab fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura nazzjonali li tissemma fil-paragrafu 1 li tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ma tiġix applikata qabel ma tkun approvata skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2).

   Din l-approvazzjoni tista' tingħata biss fejn:

   a) l-implimentazzjoni ta' restrizzjonijiet għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità huwa inevitabbli biex tkun ikkontrollata l-marda;

   b) dawk ir-restrizzjonijiet għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità huma konsistenti ma' l-Istandards maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE).

# Kapitolu VI
# Il-programmi ta' kontroll u tat-tilqim

## TAQSIMA 1
## IL-PROGRAMMI TA' KONTROLL U GĦALL-QERDA MILL-GĦERUQ

*Artikolu 44*
*Li jiġu kkompilati u approvati l-programmi ta' kontroll u tal-qerda mill-għeruq*

1. Meta Stat Membru li mhux iddikjarat ħieles minn waħda jew minn aktar minn waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, jikkompila programm ta' kontroll u tal-qerda mill-għeruq ('il-programm') biex jikseb stat ħieles mill-mard għal marda jew għal aktar minn marda waħda minn fost dawk il-mard, għandu jressaq dak il-programm għall-approvazzjoni skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(3).

   Dawn il-programmi jistgħu wkoll jiġu emendati jew mitmuma skond dik il-proċedura.

   Madankollu, fejn programm ipprovdut fil-paragrafu 1 ser ikopri kompartimenti jew żoni individwali, li jikkonsistu f'inqas minn 75% tat-territorju ta' l-Istat Membru, u ż-żona jew il-kompartiment jikkonsistu f'żona fejn jinġabar l-ilma mhux maqsuma ma' Stat Membru jew pajjiż terz ieħor, il-proċedura msemmija fl-Artikolu 50(1) għandha tapplika għal kwalunkwe approvazzjoni, jew emenda jew tmiem ta' dan il-programm.

2. Ħarsa ġenerali lejn il-programmi approvati skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli fuq livell Komunitarju skond il-proċeduri provduti fl-Artikolu 51.

3. Mid-data ta' l-approvazzjoni tal-programm skond dan l-Artikolu, il-kondizzjonijiet meħtieġa u l-miżuri provduti fl-Artikolu 14, it-taqsimiet 2, 3, 4 u 5 tal-Kapitolu III, it-Taqsima 2 tal-Kapitolu V, u l-Artikolu 38(1) b'relazzjoni għaż-żoni ddikjarati ħielsa mill-mard għandhom japplikaw għall-oqsma li huma koperti mill-programm.

*Artikolu 45*
*Il-kontenut tal-programmi*

Il-programmi m'għandhomx jiġu approvati sakemm dawn ma jkunx fihom ta' l-inqas dan li ġej:

a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda qabel id-data tal-bidu tal-programm;

b) analiżi ta' l-ispejjeż stmati u tal-benefiċċji antiċipati tal-programm;

c) kemm huwa probabbli li se jdum il-programm u l-għan li jrid jintlaħaq sad-data tat-tmiem tal-programm;

d) id-deskrizzjoni u d-demarkazzjoni taż-żona ġeografika u amministrattiva li fiha ser jiġi applikat il-programm.

*Artikolu 46*
*Il-perjodu għall-applikazzjoni tal-programmi*

1. Il-programmi għandhom ikomplu jiġu applikati sakemm:

a) jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Anness V, u l-Istat Membru, iż-żona jew il-kompartiment jkun iddikjarat ħieles minn dik il-marda; jew

b) il-programm jiġi rtirat, speċjalment jekk dan ma jissodisfax aktar l-għan tiegħu, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, jew mill-Kummissjoni.

2. Jekk il-programm jiġi rtirat kif provdut fil-paragrafu 1 (b), l-Istat Membru konċernat għandu japplika l-miżuri tat-trażżin fl-Artikolu 39 mid-data ta' l-irtirar tal-programm.

## TAQSIMA 2
## IL-PJAN TA' KONTINĠENZA GĦALL-MARD LI QED JITFAĊĊA U GĦALL-MARD EŻOTIKU

*Artikolu 47*
*Il-pjan ta' kontinġenza għall-mard li qed jitfaċċa u għall-mard eżotiku*

1. Kull Stat Membru għandu jipprepara pjan ta' kontinġenza li jispeċifika l-miżuri nazzjonali meħtieġa biex jinżamm livell għoli ta' għarfien u ta' stat ta' preparazzjoni minħabba l-marda u biex ikun żgurat il-ħarsien ta' l-ambjent.

2. Il-pjan ta' kontinġenza għandu:

a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-awtorità u bil-mezzi biex ikollha aċċess għall-faċilitajiet, għat-tagħmir, għall-personàl u għall-materjali xierqa l-oħra kollha neċessarji għall-qerda mill-għeruq rapida u effiċjenti ta' tifqigħa;

b) jiżgura l-koordinazzjoni u l-kompatibilità ma' l-Istati Membri ġirien u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien;

c) jagħti indikazzjoni preċiża tal-kondizzjonijiet meħtieġa mill-vaċċin u l-kondizzjonijiet tat-tilqim ikkunsidrati neċessarji fl-eventwalità tat-tilqim ta' l-emerġenza, fejn huwa rilevanti.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-kriterji u mal-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Anness VII meta jkunu qed jikkompilaw il-pjanijiet ta' kontinġenza.

4. L-Istati Membri għandhom iressqu l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-approvazzjoni skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2).

Kull ħames snin, kull Stat Membru għandu jaġġorna l-pjan ta' kontinġenza tiegħu u jressaq l-pjan aġġornat għall-approvazzjoni skond dik il-proċedura.

5. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jiġi implimentat fl-eventwalità ta' tifqigħa tal-mard li qed jitfaċċa u tal-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III.

## TAQSIMA 3
## IT-TILQIM

*Artikolu 48*
*It-tilqim*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tilqim kontra l-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III huwa pprojbit sakemm tilqim bħal dan ma jiġix approvat skond l-Artikoli 41, 42, 44, jew 47.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tilqim kontra l-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III huwa pprojbit fi kwalunkwe parti tat-territorju tagħhom iddikjarat ħieles mill-mard konċernat, jew kopert mill-programmi approvati għall-kontroll jew għall-qerda mill-għeruq.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu tilqim bħal dan f'partijiet mit-territorju tagħhom mhux iddikjarati ħielsa mill-mard konċernat, jew fejn it-tilqim huwa parti mill-programmi approvati għall-kontroll u għall-qerda mill-għeruq.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vaċċini użati huma awtorizzati skond id-Direttiva 2001/82/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004.

4. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal studji xjentifiċi bl-għan li jiżviluppaw u jittestjaw vaċċini f'kondizzjonijiet ikkontrollati.

Matul studji bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jitħarsu l-annimali l-oħra li jgħixu fl-ilma minn xi effett avvers tat-tilqim imwettaq fil-qafas ta' l-istudji.

# Kapitolu VII
# L-istat ħieles mill-mard

*Artikolu 49*
*L-Istat Membru ħieles mill-mard*

1. Stat Membru għandu jiġi ddikjarat ħieles minn marda jew minn aktar minn marda waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2) jekk ikun hemm konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u :

   a) l-ebda waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli m'hija preżenti fit-territorju tiegħu;

   b) huwa magħruf li l-patoġen m'huwiex kapaċi jgħix fl-Istat Membru, u fis-sors ta' l-ilma tiegħu; jew

   c) l-Istat Membru jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness V.

2. Fejn Stati Membri ġirien, jew żoni fejn jinġabar l-ilma diviżi ma' Stati Membri ġirien, m'humiex iddikjarati ħielsa mill-mard, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi żoni biex jitmewwet l-effett tal-mard xierqa fit-territorju tiegħu. Id-demarkazzjoni ta' żoni biex jitmewwet l-effett tal-mard iridu jkunu tali li dawn jipproteġu lill-Istat Membru ħieles mill-mard mill-introduzzjoni passiva tal-marda.

3. Il-kondizzjonijiet speċifiċi meħtieġa għas-sorveljanza, għat-teħid tal-kampjuni u għall-metodi dijanjostiċi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri biex jiddikjaraw l-istat ħieles mill-mard skond dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

*Artikolu 50*
*Iż-żona jew il-kompartiment ħieles mill-mard*

1. L-awtorità ċentrali kompetenti ta' Stat Membru tista', wara li tkun informat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, u wara li tkun, fuq talba, ressqet l-evidenza ta' appoġġ għalhekk, tiddikjara l-istat ħieles mill-mard ta' żona jew kompartiment fit-territorju tagħha minn marda jew aktar minn marda waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III fejn:

   a) l-ebda waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli m'hija preżenti fiż-żona jew kompartiment, u s-sors ta' l-ilma tagħha;

   b) huwa magħruf li l-patoġen mhux kapaċi jgħix fiż-żona jew kompartiment, u fejn huwa rilevanti fis-sors ta' l-ilma tagħha; jew

   c) iż-żona jew kompartiment jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II ta' l-Anness V.

2. Fejn iż-żona(i) jew kompartiment(i) li jissemmew fil-paragrafu 1 jinkludu aktar minn 75% tat-territorju ta' l-Istat Membru, jew jekk iż-żona jew kompatiment jikkonsistu minn żona fejn jinġabar l-ilma maqsuma ma' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, għandha tiġi sostitwita mill-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

3. Il-kondizzjonijiet speċifiċi meħtieġa għas-sorveljanza, għalt-teħid ta' kampjuni u għall-metodi dijanjostiċi użati mill-Istati Membri biex jiddikjaraw l-istat ħieles mill-mard skond dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

*Artikolu 51*

*Il-listi ta' l-Istati Membri, taż-żoni jew tal-kompartimenti ħielsa mill-mard*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista aġġornata taż-żoni u tal-kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard skond l-Artikolu 50(1). Listi bħal dawn għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkompila u taġġorna lista ta' l-Istati Membri, taż-żoni u tal-kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard skond l-Artikolu 49 jew 50(2), u għandha tagħmel din il-lista pubblika.

*Artikolu 52*

*Iż-żamma ta' l-istat ħieles mill-mard*

Stat Membru li huwa ddikjarat ħieles minn marda jew aktar minn marda waħda mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III skond l-Artikolu 49 jista' jwaqqaf is-sorveljanza mmirata u jżomm l-istat ħieles mill-mard tiegħu sakemm jeżistu l-kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika tal-marda konċernata, u jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

Madankollu, għaż-żoni jew għall-kompartimenti ħielsa mill-mard fl-Istati Membri mhux iddikjarati ħielsa mill-mard, u fil-każijiet kollha fejn il-kondizzjonijiet ma jwasslux għall-espressjoni klinika tal-marda msemmija, is-sorveljanza mmirata għandha titkompla skond il-metodi provduti fl-Artikoli 49(3) jew 50(3) kif inhu xieraq, imma f'livell proporzjonat għall-grad tar-riskju.

*Artikolu 53*
*Is-sospensjoni u l-irġigħ lura għall-istat ħieles mill-mard*

1. Fejn Stat Membru għandu għalfejn jaħseb li nkisret kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet biex jinżamm l-istat tiegħu bħala Stat Membru, żona jew kompartiment ħieles mill-mard, dak l-Istat Membru għandu jissospendi immedjatament il-kummerċ fl-ispeċijiet suxxettibbli u fl-ispeċijiet li jistgħu jgħaddu l-mard fi Stati Membri, f'żoni jew f'kompartimenti oħra ddikjarati ħielsa mill-marda konċernata, u japplika d-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 2 u 4 tal-Kapitolu V.

2. Fejn l-investigazzjoni epiżotika pprovduta fl-Artikolu 29(1) tikkonferma li ma sarx il-ksur suspettat, għandu jingħata lura l-istat ħieles mill-mard lill-Istat Membru, liż-żona jew lill-kompartiment.

3. Fejn l-investigazzjoni epiżotika tikkonferma probabbiltà sinifikanti li ġrat l-infezzjoni, għandu jiġi rtirat l-istat ħieles mill-mard ta' l-Istat Membru, taż-żona jew tal-kompartiment, skond il-proċedura li taħtha kien iddikjarat dak l-istat. Għandu jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Anness V qabel ma jingħata lura l-istat ħieles mill-mard.

# Kapitolu VIII
# L-awtoritajiet kompetenti u l-laboratorji

*Artikolu 54*
*L-obbligi ġenerali*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għall-finijiet ta' din id-Direttiva u jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni.

   L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu u jwettqu dmirijiethom skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li tiġi stabbilita kooperazzjoni effettiva u kontinwa bbażata fuq l-iskambju ħieles ta' l-informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva bejn l-awtoritajiet kompetenti li jaħtar għall-finijiet ta' din id-Direttiva u kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet l-oħra tiegħu involuti fir-regolamentazzjoni ta' l-akkwakultura, ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma, u ta' l-ikel u ta' l-għalf li joriġinaw mill-akkwakultura.

   Safejn huwa neċessarju, l-informazzjoni għandha tiġi skambjata wkoll bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri differenti.

3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għal servizzi adegwati ta' laboratorji u għall-informazzjoni l-aktar reċenti dwar kif issir l-analiżi tar-riskju u dwar l-epidemjoloġija, u li jkun hemm skambju ħieles ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-laboratorji.

*Artikolu 55*
*Il-laboratorji Komunitarji ta' referenza*

1. Il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma rilevanti għal din id-Direttiva għandhom jintgħażlu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2) għal perjodu li jrid jiġi definit skond dik il-proċedura.

2. Il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma għandhom jikkonformaw mal-funzjonijiet u mad-dmirijiet stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness VI.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-għażla tal-laboratorji Komunitarji ta' referenza sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu li jissemma fil-paragrafu 1, jew qabel, fid-dawl tal-konformità tagħhom mal-funzjonijiet u d-dmirijiet li jissemmew fil-paragrafu 2.

*Artikolu 56*
*Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza*

1. L-Istati Membri għandhom jirranġaw biex jintgħażel laboratorju nazzjonali ta' referenza għal kull wieħed mill-laboratorji Komunitarji ta' referenza msemmija fl-Artikolu 55.

   L-Istati Membri jistgħu jagħżlu laboratorju li jinsab fi Stat Membru ieħor jew f'Membru ieħor ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA), u laboratorju wieħed jista' jservi bħala l-laboratorju nazzjonali ta' referenza għal aktar minn Stat Membru wieħed.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-isem u l-indirizz ta' kull laboratorju nazzjonali ta' referenza magħżul lill-Kummissjoni, lil-laboratorju Komunitarju ta' referenza rilevanti u lill-Istati Membri l-oħra, inkluż kwalunkwe aġġornament sa dak iż-żmien.

3. Il-laboratorju nazzjonali ta' referenza għandu jikkommunika u jikkoordina mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza rilevanti provdut fl-Artikolu 55.

4. Biex ikun żgurat servizz dijanjostiku effiċjenti mat-territorju kollu ta' Stat Membru skond il-kondizzjonijiet meħtieġa ta' din id-Direttiva, il-laboratorju nazzjonali ta' referenza għandu jikkollabora ma' kwalunkwe laboratorju magħżul skond l-Artikolu 57li jinsab fit-territorju ta' l-istess Stat Membru.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe laboratorju nazzjonali ta' referenza fit-territorju tagħhom huwa mgħammar b'mod xieraq u jimpjega l-ammont xieraq ta' nies imħarrġa biex iwettqu l-investigazzjonijiet tal-laboratorju meħtieġa skond din id-Direttiva u biex jikkonforma mal-funzjonijiet u mad-dmirijiet stabbiliti fil-Parti II ta' l-Anness VI.

*Artikolu 57*
*Is-servizzi u l-metodi dijanjostiċi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

a) l-eżamijiet tal-laboratorju għall-finijiet ta' din id-Direttiva jitwettqu f'laboratorji magħżula għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti;

b) l-eżamijiet tal-laboratorju fil-każ ta' suspett u biex tkun ikkonfermata l-preżenza tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III jitwettqu permezz tal-metodi dijanjostiċi li jridu jiġu stabbiliti skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2);

c) il-laboratorji magħżula għas-servizzi dijanjostiċi skond dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mal-funzjonijiet u mad-dmirijiet stabbiliti fil-Parti III ta' l-Anness VI.

# Kapitolu IX
# L-ispezzjonijiet, l-amminstrazzjoni elettronika u l-pieni

*Artikolu 58*
*L-ispezzjonijiet u l-verifiki Komunitarji*

1. L-esperti mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu ispezzjonjiet fuq il-post, inklużi verifiki, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, safejn dawn huma neċessarji biex din id-Direttiva tkun applikata b'mod uniformi.

   L-Istati Membri, li fit-territorju tagħhom isiru dawn l-ispezzjonijiet u dawn il-verifiki, għandhom jipprovdu lill-esperti bl-assistenza kollha neċessarja biex iwettqu dmirijiethom.

   Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bir-riżultati ta' kwalunkwe spezzjoni u verifika bħal dawn.

2. L-esperti mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu wkoll spezzjonijiet fuq il-post, inklużi verifiki, f'pajjiżi terzi, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, biex jivverifikaw il-konformità ma' jew l-ekwivalenza mar-regoli Komunitarji tas-saħħa ta' l-animali li jgħixu fl-ilma.

3. Fejn jiġi identifikat riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali matul ispezzjoni tal-Komunità, l-Istat Membru konċernat għandu minnufih jieħu l-passi kollha neċessarji għall-ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali.

   Fejn dawn il-miżuri ma jittieħdux, jew fejn jitqjies li m'humiex suffiċjenti, għandhom jiġu adottati l-miżuri neċessarji biex is-saħħa ta' l-annimali tkun issalvagwardjata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(3) u l-Istat Membru konċernat għandu jiġi informat b'dan.

*Artikolu 59*
*L-amministrazzjoni elettronika*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2007, ikunu tlestew il-proċeduri u l-formalitajiet kollha relatati mal-proċess li permezz tiegħu l-informazzjoni pprovduta fl-Artikolu 6, l-Artikolu 51(1), u l-Artikolu 56(2) tkun disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2), tadotta regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 biex tiffaċilita l-ħidma flimkien tas-sistemi ta' l-informazzjoni u l-użu tal-proċeduri permezz tal-mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 60*
*Il-pieni*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli fuq il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni provduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 65(1) u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwahom.

# Kapitolu X
# L-emendi, ir-regoli ddettaljati u l-proċedura tal-kumitat

*Artikolu 61*
*L-emendi u r-regoli dettaljati*

1. L-Artikolu 15(1) jista’ jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2), wara l-konsultazzjoni tal-kumitat xjentifiku xieraq.

2. L-Annessi għal din id-Direttiva jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

3. Kwalunkwe regola dettaljata neċessarja għall-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva tista’ tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2).

*Artikolu 62*
*Il-proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta’ l-Ikel u s-Saħħa ta’ l-Annimali (‘il-Kumitat’).

2. Fejn jissemma dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Fejn jissemma dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal 15-il ġurnata.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

# Kapitolu XI
# Id-dispożizzjonijiet transizzjonali u finali

*Artikolu 63*
*Ir-revoka*

1. Id-Direttivi 91/67/KEE, 93/53/KEE u 95/70/KE għandhom jiġu revokati mill-1 ta' Jannar 2007

2. Ir-referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VIII.

*Artikolu 64*
*Id-dispożizzjonijiet transizzjonali*

Id-dispożizzjonijiet transizzjonali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 62(2) għal perjodu ta' erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 65*
*It-traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-[30 ta' Ġunju 2006], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella tal-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-[1 ta' Jannar 2007].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom tali referenza meta dawn jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 66*
*Id-dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*

*Artikolu 67*
*L-indirizzi*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsilll*
*Il-President*

## ANNESS I
## Id-definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet fl-Artikolu 3, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tekniċi li ġejjin:

a) *'Kompartiment'* tfisser farm wieħed jew aktar minn wieħed taħt sistema komuni ta' bijosigurtà li fih popolazzjoni ta' annimali li jgħixu fl-ilma bi stat tas-saħħa distint fir-rigward ta' marda speċifika.

b) '*Sistema komuni ta' bijosigurtà'* tfisser li jiġu applikati l-istess miżuri għas-sorveljanza, għall-prevenzjoni ta' mard, u għall-kontroll tal-mard tas-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma.

c) '*Żona tat-trażżin '* tfisser żona madwar farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali infettat fejn jiġu applikati miżuri għall-kontroll tal-mard bl-għan li ma jħallux li l-marda tinfirex.

d) *'Marda'* tfisser infezzjoni klinika jew mhux klinika b'aġent etjoloġiku wieħed jew b'aktar minn wieħed fl-annimali li jgħixu fl-ilma.

e) *'Żoni jew kompartimenti ħielsa mill-mard'* tfisser żoni jew kompartimenti ddikjarati bħala li huma ħielsa mill-mard skond l-Artikoli 49 jew 50.

f) *'Marda li qed titfaċċa'* tfisser marda serja li għadha kif ġiet rikonoxxuta, li l-kawża tagħha tista' tkun ġiet stabbilita jew le, li għandha l-potenzjal li tinxtered fi ħdan il-popolazzjonijiet u bejniethom, bħal permezz tal-kummerċ fl-annimali li jgħixu fl-ilma u/jew il-prodotti ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma. Tista' tfisser ukoll li marda magħrufa ġiet rikonoxxuta fi speċi ġdida li qed tiġi attakkata.

g) '*Unità epidemjoloġika'* tfisser grupp ta' annimali li jgħixu fl-ilma li jaqsmu bejn wieħed u ieħor l-istess riskju li jiġu esposti għal aġent ta' marda f'lôk definit. Dan ir-riskju jista' jkun minħabba li jaqsmu ambjent ta' ilma komuni, jew minħabba li l-prattika ta' l-amministrazzjoni tagħmilha probabbli li aġent ta' marda fi grupp wieħed ta' l-annimali jista' jinxtered malajr għal grupp ieħor ta' annimali.

h) '*Il-mistrieħ'* tfisser għal finijiet ta' amministrazzjoni tal-mard, operazzjoni fejn farm huwa mbattal mill-annimali ta' l-akkwakultura suxxettibbli għall-marda li qed tqajjem tħassib jew magħrufa li kapaċi jgħaddu l-aġent tal-marda, u, fejn huwa possibbli, ta' l-ilma li jinġarru fih.

i) '*Aktar ipproċessar'* tfisser l-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura qabel ma jittieklu mill-bniedem permezz ta' kwalunkwe tip ta' miżuri u teknika, li jaffettwaw is-sħuħija anatomika, bħall-fsada, it-tneħħija ta' l-imsaren jew tal-ġewwieni, it-tneħħija tar-ras, u t-tqattigħ fetta fetta, li jipproduċu skart jew prodotti sekondarji u li jistgħu jikkawżaw riskju għal tixrid ta' mard.

j) ‘*Żjieda fin-numru ta’ mwiet*’ tfisser numru ta’ mwiet mhux spjegati għola b’mod sinifikattiv mil-livell li huwa meqjus normali għall-farm jew għaż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali konċernat taħt il-kondizzjonijiet eżistenti; x’jitqies bħala numru akbar ta’ mwiet irid ikun deċiż f’kooperazzjoni bejn min jieħu ħsieb il-farm u l-awtorità kompetenti.

k) ‘*Infezzjoni*’ tfisser it-tixrid ta’ l-aġent tal-mard fl-annimali li qed jiġu attakkati mill-aġent.

l) ‘Żona jew kompartiment infettat’ tfisser iż-żoni jew il-kompartimenti fejn huwa magħruf li tista’ sseħħ l-infezzjoni.

m) ‘*Kwarantina*’ tfisser iż-żamma ta’ grupp ta’ annimali li jgħixu fl-ilma iżolati mingħajr l-ebda kuntatt dirett jew indirett ma’ annimali l-oħra li jgħixu fl-ilma, sabiex ikunu osservatigħal tul ta’ żmien speċifikat u, fejn huwa xieraq, ikunu ttestjati u ttrattati, inkluż bi trattament kif jixraq ta’ l-ilmijiet jkun fihom il-ħmieġ.

n) ‘*L-ispeċijiet suxxettibbli*’ tfisser kwalunkwe speċi li fiha jista’ jimmoltiplika jew jiżviluppa b’xi mod ieħor ċertu aġent tal-mard.

o) ‘*Żona*’ tfisser żona ġeografika preċiża b’sistema idroloġika omoġenja li tinkludi parti minn żona fejn jinġabar l-ilma mis-sors(i) għall-barriera naturali jew artifiċjali li ma tħallix iċ-ċaqliq ’il fuq ta’ l-annimali li jgħixu fl-ilma minn meded aktar baxxi taż-żona fejn jinġabar l-ilma, żona sħiħa fejn jinġabar l-ilma mis-sors(i) tagħha sa l-estwarju tagħha, jew aktar minn żona waħda fejn jinġabar l-ilma, inklużi l-estwarji tagħhom, minħabba r-rabta epidemjoloġika bejn iż-żoni fejn jinġabar l-ilma minn ġo l-estwarju.

## ANNESS II
## L-informazzjoni meħtieġa fir-reġistru uffiċjali tan-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura u ta' l-istabbilimenti awtorizzati ta' l-ipproċessar

## PARTI I
## IN-NEGOZJU AWTORIZZAT TAL-PRODUZZJONI TA' L-AKKWAKULTURA

1. L-informazzjoni minima li ġejja dwar kull negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura għandha tinżamm f'reġistru mill-awtorità kompetenti, kif provdut fl-Artikolu 6:

   a) l-isem u l-indirizzi tan-negozju tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura, u d-dettalji ta' kuntatt (it-telefon, faksimili, posta elettronika);

   b) in-numru tar-reġistrazzjoni u d-dettalji ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, (jiġifieri d-dati ta' l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi, il-kowds jew in-numri ta' l-identifikazzjoni, il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-produzzjoni, kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-awtorizzazzjoni(jiet));

   c) il-pożizzjoni ġeografika tal-farm definita minn sistema xierqa ta' koordinati tas-sîti kollha tal-farms (jekk ikun possibbli l-koordinati GIS);

   d) l-għan, it-tip (jiġifieri t-tip tas-sistema tal-kultura, jew il-faċilitajiet, bħall-faċilitajiet ibbażati fuq l-art, il-gaġeġ tal-baħar, il-vaski fuq l-art) u l-volum massimu tal-produzzjoni fejn din hija rregolata;

   e) għall-farms kontinentali, iċ-ċentri tal-bgħit u ċ-ċentri tal-purifikazzjoni: id-dettalji tal-provvista ta' l-ilma tal-farm u minn fejn joħroġ l-ilma;

   f) l-ispeċijiet ta' l-annimali ta' l-akkwakultura mrobbija fuq il-farm (għall-farms b'diversi speċijiet jew għall-farms ta' speċijiet ornamentali, irid ikun irreġistrat bħala minimu jekk kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet hiex magħrufa li hija suxxettibbli għall-mard elenkat fl-Anness III, jew hiex magħrufa li tgħaddi dan il-mard)

   g) l-informazzjoni aġġornata dwar l-istat tal-mard (jiġifieri jekk il-farm hux ħieles mill-mard (jinstabx fi Stat Membru, f'żona jew f'kompartiment), fejn il-farm huwa fi programm bil-ħsieb li jinkiseb dan l-istat, jew fejn il-farm huwa ddikjarat infettat minn marda li tissemma fl-Anness III).

2. Fejn tingħata l-awtorizzazzjoni lil żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali skond l-Artikolu 4(2), id-data meħtieġa taħt il-punt 1(a) ta' din il-Parti għandha tiġi rreġistrata għan-negozji tal-produzzjoni ta' l-akkwakultura kollha li jaħdmu ġewwa ż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali. Id-data meħtieġa taħt il-punti 1 (b) sa 1 (g) ta' din il-Parti, għandha tiġi rreġistrata fuq livell taż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali.

## PARTI II
## L-ISTABBILIMENTI AWTORIZZATI TA' L-IPPROĊESSAR

L-informazzjoni minima li ġejja dwar kull stabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar għandha tinżamm f'reġistru mill-awtorità kompetenti, kif provdut fl-Artikolu 6:

a) l-isem u l-indirizzi ta' l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar, u d-dettalji ta' kuntatt (it-telefon, il-faksimili, posta elettronika);

b) in-numru tar-reġistrazzjoni u d-dettalji ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, (jiġifieri d-dati ta' l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi, il-kowds jew in-numri ta' l-identifikazzjoni, il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-produzzjoni, kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-awtorizzazzjoni(jiet));

c) il-pożizzjoni ġeografika ta' l-istabbiliment ta' l-ipproċessar definita minn sistema xierqa ta' koordinati tas-sîti kollha tal-farms (jekk ikun possibbli l-koordinati GIS);

d) id-dettalji dwar is-sistemi li jittrattaw il-ħmieġ mitfugħ 'il barra ta' l-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar;

e) l-ispeċijiet ta' l-annimali ta' l-akkwakultura ttrattati fl-istabbiliment awtorizzat ta' l-ipproċessar.

## ANNESS III
## Il-kompilazzjoni tal-lista tal-mard

## PARTI I
## IL-KRITERJI BIEX MARDA TKUN ELENKATA

**A.** Il-mard eżotiku għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin stabbiliti fil-punti 1 u 2 jew 3.

1. Il-marda hija eżotika għall-Komunità, minħabba li l-marda m'hix stabbilita fl-akkwakultura Komunitarja, u mhux magħruf li l-patoġen huwa preżenti fl-ilmijiet tal-Komunità.

2. Għandu l-potenzjal ta' impatt ekonomiku sinifikanti jekk jiġi introdott fil-Komunità, kemm bit-telf għall-produzzjoni fl-akkwakultura Komunitarja u kemm permezz tar-restrizzjoni tal-potenzjal kummerċjali ta' l-annimali ta' l-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom.

3. Għandu l-potenzjal ta' impatt ambjentali detrimentali jekk jiġi introdott fil-Komunità, għall-popolazzjonijiet ta' speċijiet ta' annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma, li huma ta' valur tant li ta' min jitħarsu mid-dispożizzjonijiet Komunitarji jew internazzjonali.

**B.** Il-mard mhux eżotiku għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin stabbiliti fil-punti 1, 4, 5, 6, 7, u 2 jew 3.

1. Diversi Stati Membri, jew reġjuni f'diversi Stati Membri, huma ħielsa mill-marda.

2. Għandu l-potenzjal ta' impatt ekoniomiku sinifikanti jekk introdott fi Stat Membru li huwa ħieles mill-marda, kemm permezz ta' telf fil-produzzjoni, u spejjeż annwali assoċjati mal-marda u l-kontroll tagħha li jeċċedu 5% tal-valur tal-produzzjoni fil-produzzjoni ta' l-ispeċijiet ta' l-annimali ta' l-akkwakultura suxxettibbli fir-reġjun, u kemm bir-restrizzjoni tal-possibilitajiet għall-kummerċ internazzjonali fl-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom.

3. Il-marda wriet, fejn faqqgħet, li għandha impatt ambjentali detrimentali jekk tiġi introdotta fi Stat Membru ħieles mill-mard, għall-popolazzjonijiet ta' l-ispeċijiet ta' annimali selvaġġi li jgħixu fl-ilma li huma ta' valur tant li ta' min jitħarsu mid-dispożizzjonijiet Komunitarji jew internazzjonali.

4. Huwa diffiċli li wieħed jikkontrolla u jżomm il-marda fuq livell ta' farm mingħajr miżuri ta' kontroll u restrizzjonijiet kummerċjali stretti.

5. Il-marda tista' tiġi kkontrollata fuq livell ta' Stat Membru, fejn l-esperjenza wriet li l-kompertimenti ħielsa mill-mard jistgħu jiġu stabbiliti u miżmuma, u li din iż-żamma tagħmel ħafna ġid meta jitqiesu l-flus li ntefqu.

6. Waqt li jkunu offruti għall-bejgħ (l-annimali li jgħixu fl-ilma u l-prodotti tagħhom), hemm probbabiltà ta' riskju li l-marda ser tistabbilixxi ruħha f'żona li qabel ma kinitx infettata.

7. Huma disponibbli testijiet ta' min joqgħod fuqhom u sempliċi għall-annimali infettati. It-testijiet iridu jkunu speċifiċi u sensittivi u l-metodu ta' l-ittestjar irid ikun armonizzat fuq livell Komunitarju.

## PARTI II
## IL-MARD ELENKAT

| IL-MARD EŻOTIKU | | |
|---|---|---|
| | **IL-MARDA** | **L-ISPEĊIJIET SUXXETTIBBLI** |
| **ĦUT** | In-nekrosi epiżotika li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm | Perċa (*Perca fluviatilis*)*,* trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*)*,* perċa (*Macquaria australasica*)*,* perċa lewn il-fidda (*Bidyanus bidyanus*)*,* galaksja (*Galaxias olidus*)*,* sheatfish (*Silurus glanis*)*,* catfish (*Ictalurus melas*) u mosquito fish (*Gambusa affinis*) u speċijiet oħra li jappartjenu lill-familja *Poeciliidae* |
| | Is-sindrome epiżotika li trabbi l-ulċeri | Il-Genera Channa, Mastacembelus, Puntius, Trichogaster, Catla, Mugil, Labeo. |
| **MOLLUSKI** | L-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa* | *Ostrea chilensis* u *O. angasi* |
| | L-infezzjoni mill-*Xenohaliotis californiensis* | Membri tal-ġenus *Haliotis* inklużi l-widnet il-baħar sewda *(H. cracherodii)*, il-widnet il-baħar ħamra *(H. rufescens)*, il-widnet il-baħar roża *(H. corrugata)*, il-widnet il-baħar ħadra *(H. fulgens)* u l-widnet il-baħar bajda *(H. sorenseni)*. |
| | L-infezzjoni mill-*Perkinsus marinus* | *Crassostrea virginica* u *C. gigas* |
| | L-infezzjoni bil-*Microcytos mackini* | *Crassostrea gigas, C. virginica, Ostrea edulis* u *O. conchaphila.* |
| **KRUSTAĊJI** | Is-sindrome *taura* | Pacific white shrimp (*Penaeus vannamei*), Pacific blue shrimp (*P. stylirostris*) and Gulf white shrimp (*P. setiferus*). |
| | Il-marda *yellowhead* | Black tiger shrimp (*Penaeus monodon*), Pacific white shrimp (*P. vannamei*), Pacific blue shrimp (*P. stylirostris*), Gulf white shrimp (*P. setiferus*), Gulf brown shrimp (*P. aztecus*), Gulf pink shrimp (*P. duorarum*), and Kuruma prawn (*P. japonicus)* |

| IL-MARD MHUX EŻOTIKU | | |
|---|---|---|
| | **IL-MARDA** | **L-ISPEĊIJIET SUXXETTIBBLI** |
| **ĦUT** | Il-preżenza ta' virus fid-demm fi żmien ir-Rebbiegħa tal-karpjun | Il-karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*), grass carp (*Ctenopharyngodon idellus*), karpjun fiddieni (*Hypophthalmichthys molitrix*), karpjun ta' rasu kbira (*Aristichthys nobilis*), karassju (*Carassius carassius*), il-ħuta l-ħamra (*Carassius auratus*), it-tinka (*Tinca tinca*) u sheatfish (*Silurus glanis*) |
| | Is-settiċemija virali emorraġika | Ħut li jappartjeni lill-familja *Salmonideae*, grayling (ħuta griża li tixbah lis-salamun) (*Thymallus thymallus*), it-trota (*Coregonus* spp.), il-lizz (*Esox lucius*), il-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*), l-aringa u s-sardina (*Clupea* spp.), is-salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus* spp.), il-merluzz ta' l-Atlantiku (Atlantic cod, *Gadus morhua),* il-merluzz tal-Paċifiku (Pacific cod, *G. macrocephalus*), il-bakkajljaw iż-żgħir (*G. aeglefinus*) u rockling (*Onos mustelus*). |
| | Nekrosi epiżotika li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm | Il-ħut li jappartjeni għall-familja *Salmonidae,* il-lizz (*Esox lucius*) |
| | Il-virus ta' l-erpete tal-koi | Il-karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*). |
| | L-anemija infettiva tas-salamun | Is-salamun Baltiku (*Salmo salar*), it-trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), il-trota tal-baħar (*Salmo trutta*), |
| **MOLLUSKI** | L-infezzjoni mill-*Marteilia refringens* | *Ostrea edulis, O. angasi* u *Ostrea chilensis* |
| | Infezzjoni mill-*Bonamia ostreae* | *Ostrea edulis, O. angasi, O. denselammellosa, O. puelchana, Ostreola conchaphila (= O. lurida) u O. chilensis (= Tiostrea lutaria),* |
| **KRUSTAĊJI** | Il-marda tal-*white spot* | Il-gambli u l-gambli l-kbar , il-parti l-kbira tal-*penaeid* (Familja Penaeidae) li huma kkultivati b'mod kummerċjali. |

# ANNESS IV

## Is-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fil-farms u fiż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali

| L-ispeċijiet preżenti | L-istat tal-mard | Il-livell tar-riskju | Is-sorveljanza | Il-frekwenza ta' l-ispezzjoni rrakmandata mill-awtorità kompetenti | Il-frekwenza rrikkmandata ta' l-ispezzjonijiet mis-servizzi privati | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-ispeċijiet suxxettibbli ghal marda jew ghal aktar minn waħda mill-mard elenkat fl-Anness III** | Iddikjarat ħieles mill-mard skond l-Artikoli 49 jew 50 | Gholi | Attiva, immirata jew passiva | Trid tiġi adottata mil-leġiżlazzjoni sekondarja. | Trid tiġi adottata mil-leġiżlazzjoni sekondarja. | Ser tiġi adottata bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-Linji ta' Gwida ta' l-OIE, il-marda rilevanti u t-tip ta' produzzjoni ta' l-akkwakultura. |
| | | Medju | | | | |
| | | Baxx | | | | |
| | Taħt il-programm ghad-dikjarazzjoni tal-ħelsien skond l-Artikolu 44 | Gholi | Immirata | Trid tiġi adottata mil-leġiżlazzjoni sekondarja. | Trid tiġi adottata mil-leġiżlazzjoni sekondarja. | |
| | | Medju | | | | |
| | | Baxx | | | | |
| | Mhux iddikjarat ħieles mill-mard | Gholi | Attiva | 1 kull sena | 3 kull sena | Ir-regoli dettaljati ghandhom jiġu adottati billi tkun implimentata l-leġiżlazzjoni u fihom<br>– il-frekwenzi ta' aktar spezzjonijiet<br>– x'investigazzjoni u teħid ta' kampjuni ghandhom jitwettqu, meta jitqiesu l-marda rilevanti u t-tip ta' produzzjoni ta' l-akkwakultura. |
| | | Medju | | 1 kull sena | 2 kull sena | |
| | | Baxx | | 1 kull sentejn | 1 kull sena | |
| | Iddikjarat infettat skond l-Artikolu 38 | Gholi | Passiva | 1 kull sena | 1 kull sena | |
| | | Medju | | 1 kull sentejn | 1 kull sentejn | |
| | | Baxx | | 1 kull 4 snin | 1 kull sentejn | |
| **L-ebda speċi m'hi suxxettibbli ghall-mard elenkat** | Iddikjarat ħieles mill-mard skond il-punt (a) ta' l-Artikolu (1) jew il-punt (a) ta' l-Artikolu 50(1) | Gholi | Passiva | 1 kull 4 snin | 1 kull sena | L-ghan tas-sorveljanza huwa li tiġi skoperta ż-żjieda fin-numru ta' mwiet<br>L-ghan prinċipali ta' l-ispezzjonijiet mis-servizzi privati huwa li jiġu kkontrollati l-istandards tas-saħħa<br>L-ghan prinċipali ta' l-ispezzjonijiet mill-awtorità kompetenti huwa li tiġi kkontrollata l-konformità mad-Direttiva |
| | | Medju | | 1 kull 4 snin | 1 kull sentejn | |
| | | Baxx | | 1 kull 4 snin | 1 kull 4 snin | |

**Il-livelli tar-riskju**

Farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali *b'riskju għoli* huwa farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li:

a) għandu livell għoli ta' riskju li jinxterdu jew jittieħdu l-mard lil/minn farms oħra jew annimali selvaġġi;

b) jaħdem taħt kondizzjonijiet għat-trobbija ta' l-annimali f'farm għal skopijiet kummerċjali li jistgħu jżidu r-riskju ta' tifqigħ ta' mard (bijomassa għolja, kwalità baxxa ta' l-ilma), meta jitqiesu l-ispeċijiet preżenti;

c) jbigħ annimali li jgħixu fl-ilma ħajjin biex ikomplu jittrabbew f'farm għal skopijiet kummerċjali jew biex jerġgħu jkabbru l-ammont ta' annimali f'farm.

Farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali *b'riskju medju* huwa farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li:

a) għandu livell medju ta' riskju li jinxterdu jew jittieħdu l-mardiet lil/minn farms oħra jew annimali selvaġġi;

b) jaħdem taħt kondizzjonijiet għat-trobbija ta' l-annimali f'farm għal skopijiet kummerċjali li mhux neċessarjament iżidu r-riskju ta' tifqigħ ta' mard (bijomassa medja, u l-kwalità ta' l-ilma), meta jitqiesu l-ispeċijiet preżenti;

c) jbigħ annimali li jgħixu fl-ilma ħajjin l-aktar biex jittieklu mill-bniedem.

Farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali *b'riskju baxx* huwa farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li

a) għandu livell baxx ta' riskju biex jinxterdu jew jittieħdu l-mard lil/minn farms oħra jew annimali selvaġġi,

b) jaħdem taħt kondizzjonijiet għat-trobbija ta' l-annimali f'farm għal skopijiet kummerċjali li mhux ser iżidu r-riskju ta' tifqigħ ta' mard (bijomassa baxxa, kwalità tajba ta' l-ilma), meta jitqiesu l-ispeċijiet preżenti,

c) jbigħ biss annimali li jgħixu fl-ilma ħajjin biex jittieklu mill-bniedem.

**It-tipi ta' sorveljanza tas-saħħa**

*Sorveljanza passiva* tinkludi n-notifika immedjata ta' bilfors li hemm jew hemm is-suspett ta' mard speċifikat jew ta' xi żjidiet fin-numru ta' mwiet. Hija meħtieġa investigazzjoni skond is-Taqsima 2 tal-Kapitolu V.

*Is-sorveljanza attiva* għandha tinkludi:

a) L-ispezzjoni ta' rutina mill-awtorità kompetenti jew minn servizzi oħra tas-saħħa kwalifikati f'isem l-awtorità kompetenti.

b) L-eżami tal-popolazzjoni ta' l-annimali ta' l-akkwakultura fil-farm jew fiż-żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali għal mard kliniku.

c) Il-kampjuni dijanjostiċi li jridu jinġabru kif ikun hemm suspett ta' marda elenkata jew tkun osservata żjieda fin-numru ta' mwiet matul l-ispezzjoni.

d) In-notifika immedjata ta' bilfors li hemm jew hemm is-suspett ta' mard speċifikat jew ta' kwalunkwe żjieda fin-numru ta' mwiet.

*Is-sorveljanza mmirata* għandha tinkludi:

a) L-ispezzjoni ta' rutina mill-awtorità kompetenti jew minn servizzi oħra tas-saħħa kwalifikati f'isem l-awtoritajiet kompetenti.

b) Il-kampjuni ordnati ta' l-annimali ta' l-akkwakultura li għandhom jittieħdu u jiġu ttestjati għal patoġen(i) b'metodi speċifikati.

c) In-notifika immedjata ta' bilfors li hemm jew hemm is-suspett ta' mard speċifikat jew ta' kwalunkwe żjieda fin-numru ta' mwiet.

**ANNESS V**
**Il-kondizzjonijiet meħtieġa biex Stat Membru, żona jew kompartiment jiġi ddikjarat ħieles mill-mard**

## PARTI I
## STAT MEMBRU ĦIELES MILL-MARD

### 1. Minħabba raġunijiet storiċi

1.1. Fejn huma preżenti speċijiet suxxettibbli fi Stat Membru, imma fejn ma kien hemm l-ebda okkorrenza osservata tal-marda ta' l-inqas għal perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva minkejja kondizzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-espressjoni klinika tagħha jista' jitqies ħieles mill-mard meta:

a) il-kondizzjonijiet bażiċi ta' kontroll tal-mard ilhom għaddejjin b'mod kontinwu ta' l-inqas għal perjodu ta' 10 snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva; u

b) m'huwiex magħruf li l-infezzjoni hija stabbilita fil-popolazzjonijiet ta' l-annimali selvaġġi; u

c) l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kummerċ u ta' l-importazzjoni biex il-marda ma titħalliex tiddaħħal fl-Istat Membru hija effettiva.

Stat Membru li jixtieq jibbenefika minn stat ħieles mill-mard kif provdut f'dan il-punt, irid iressaq l-applikazzjoni skond l-Artikolu 49 mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

1.2. Il-kondizzjonijiet bażiċi ta' kontroll tal-mard li jissemmew fil-punt 1.1(a) għandhom jikkonsistu, bħala minimu, minn dan li ġej:

a) il-marda bilfors trid tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti, inkluża n-notifika ta' suspett; u

b) sistema ta' skoperta bikrija hija mwaqqfa fl-Istat Membru kollu, li tippermetti lill-awtorità kompetenti li twettaq investigazzjoni u rapportar effettiv tal-mard, u li tiżgura b'mod partikolari:

i) l-għarfien rapidu ta' kwalunkwe sinjal kliniku konsistenti ma' suspetti ta' marda, marda li qed titfaċċa, jew numru ta' mwiet mhux spjegati f'farms jew f'żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali, u fl-ambjent naturali; u

ii) il-komunikazzjoni rapida dwar dak li ġara lill-awtorità kompetenti bl-għan li tiġi attivata investigazzjoni dijanjostika bl-inqas dewmien possibbli.

1.3. Is-sistema ta' skoperta bikrija msemmija fil-punt 1.2 (b) trid ta' l-inqas tinkludi dan li ġej:

a) l-għarfien fil-wisa', fost il-personàl impjegat fin-negozji ta' l-akkwakultura jew involut fl-ipproċessar ta' l-annimali ta' l-akkwakultura, ta' kwalunkwe sinjal konsistenti mal-preżenza ta' marda, u t-taħriġ tal-veterinarji jew ta' l-ispeċjalisti fis-saħħa ta' l-annmali li jgħixu fl-ilma fl-iskoperta u r-rapportar ta' l-okkorrenza ta' mard mhux tas-soltu; u

b) il-veterinarji jew l-ispeċjalisti fis-saħħa ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma mħarrġa biex jagħrfu u jirrapportaw l-okkorrenza ta' mard suspett; u

c) l-aċċess mill-awtorità kompetenti għal laboratorji bil-faċilitajiet biex jiddjanjostikaw u jiddistingwu l-mard elenkat u dak li qed jitfaċċa.

**2. Ibbażat fuq is-sorveljanza mmirata**

Stat Membru fejn l-aħħar okkorrenza klinika magħrufa kienet fil-perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew fejn l-istat ta' l-infezzjoni qabel is-sorveljanza mmirata ma kienx magħruf, minħabba n-nuqqas ta' kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika, jista' jitqies bħala ħieles mill-mard fejn:

a) l-Istat Membru jissodisfa l-kondizzjonijiet bażiċi ta' kontroll tal-mard stabbiliti fil-punt 1.2.; u

b) is-sorveljanza mmirata skond il-metodi adottati skond l-Artikolu 49(3), ilha stabbilita ta' l-inqas għal perjodu ta' sentejn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva mingħajr ma kien skopert l-aġent tal-marda f'il-farm, jew fiż-żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali fejn tittrabba kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli.

Fejn hemm partijiet ta' l-Istat Membru li fihom in-numru ta' farms, jew ta' żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali huwa limitat, u konsegwentement is-sorveljanza mmirata f'dawn il-partijiet ma tipprovdix data epidemjoloġika suffiċjenti, imma li fihom popolazzjonijiet ta' l-annimali selvaġġi ta' kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli, dawk il-popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi jridu jiġu inklużi fis-sorveljanza mmirata.

## PARTI II
## ŻONA JEW KOMPARTIMENT ĦIELES MILL-MARD

### 1. Iż-żoni

1.1. Żona tista' tinkludi:

a) żona sħiħa ta' fejn jinġabar l-ilma mis-sors sa l-estwarju tagħha; jew

b) parti minn żona fejn jinġabar l-ilma mis-sors(i) sa barriera naturali jew artifiċjali li ma tħallix it-tluq 'il fuq ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma minn meded aktar baxxi taż-żona fejn jinġabar l-ilma; jew

c) aktar minn żona waħda fejn jinġabar l-ilma, inklużi l-estwarji tagħhom, minħabba r-rabta epidemjoloġika bejn iż-żoni fejn jinġabar l-ilma minn ġo l-estwarju.

Id-demarkazzjoni ġeografika taż-żona għandha tkun identifikata b'mod ċar fuq mappa.

1.2. Fejn żona testendi f'aktar minn Stat Membru wieħed, din tista' biss tiġi ddikjarata bħala żona ħielsa mill-mard jekk il-kondizzjonijiet indikati fil-punt 1.3, fil-punt 1.4 u fil-punt 1.5 japplikaw għall-erjas kollha ta' dik iż-żona. F'dak il-każ iż-żewġ Stati Membri konċernati għandhom japplikaw għall-approvazzjoni għall-parti taż-żona li tinsab fit-territorju tagħhom.

1.3. F'żona fejn hemm preżenti speċijiet suxxettibbli, imma fejn ma kien hemm l-ebda okkorrenza osservata tal-marda ta' l-inqas għal perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minkejja l-kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika tagħha tista' titqies bħala ħielsa mill-mard jekk din tikkonforma *mutatis mutandis* mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-Parti I.1.

Stat Membru li jixtieq jibbenefika minn stat ħieles mill-mard kif provdut f'dan il-punt irid jinnotifika l-intenzjoni tiegħu skond l-Artikolu 50(1) mhux aktar minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

1.4. F'żona fejn l-aħħar okkorrenza klinika magħrufa kienet f'perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew fejn l-istat ta' l-infezzjoni qabel is-sorveljanza mmirata ma kienx magħruf, minħabba n-nuqqas ta' kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika, tista' titqies bħala ħielsa mill-marda fejn din tikkonforma *mutatis mutandis* mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-Parti I.2.

1.5. Trid titwaqqaf żona li tmewwet l-effett li fiha jitwettaq programm ta' monitoraġġ, kif inhu xieraq. Id-demarkazzjoni taż-żoni li jmewtu l-effett trid tkun tali li tħares iż-żona ħielsa mill-mard mill-introduzzjoni passiva tal-marda.

**2. Il-kompartimenti li jinkludu farm wieħed jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali waħda jew aktar minn wieħed jew waħda fejn l-istat tal-marda jiddependi mill-istat tal-mard ta' l-ilmijiet naturali tal-madwar.**

2.1. Kompartiment jista' jinkludi farm wieħed jew aktar minn wieħed, grupp jew numru ta' farms jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali li jistgħu jitqies bħala unità epidemjoloġika waħda minħabba l-lokalità ġeografika u d-distanza minn gruppi jew numri oħra ta' farms, jew ta' żoni tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali, sakemm il-farms kollha li jikkostitwixxu l-kompartiment huma taħt sistema komuni ta' bijosigurtà. Id-demarkazzjoni ġeografika ta' kompartiment għandha tkun identifikata b'mod ċar fuq mappa.

2.2. F'kompartiment fejn hemm preżenti speċijiet suxxettibbli, imma fejn ma kien hemm l-ebda okkorrenza osservata tal-marda ta' l-inqas għal perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva minkejja l-kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika tagħha jista' jitqies bħala ħieles mill-mard jekk dan jikkonforma *mutatis mutandis* mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-Parti I.1 ta' dan l-Anness. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni jridu jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom skond l-Artikolu 50(1) mhux aktar minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2.3. F'kompartiment fejn l-aħħar okkorrenza klinika magħrufa kienet f'perjodu ta' 25 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew fejn l-istat ta' l-infezzjoni qabel is-sorveljanza mmirata ma kienx magħruf, minħabba n-nuqqas ta' kondizzjonijiet li jwasslu għall-espressjoni klinika, jista' jitqies bħala ħieles mill-marda fejn dan jikkonforma *mutatis mutandis* mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-Parti I.2, u l-marda mhix magħrufa li sseħħ fl-ilmijiet ta' madwar il-kompartiment.

2.4. Kull farm jew żona tat-trobbija tal-molluski għal skopijiet kummerċjali f'kompartiment għandu jiġi suġġett għal miżuri addizzjonali imposti mill-awtorità kompetenti, meta dawn jitqiesu neċessarji għall-ħarsien mill-introduzzjoni ta' mard. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' żona li tmewwet l-effett madwar il-kompartiment fejn jitwettaq programm ta' monitoraġġ, u t-twaqqif ta' ħarsien addizzjonali kontra d-dħul ta' annimali li jistgħu jgħaddu l-patoġen jew ta' organiżmi li jġorru l-patoġen minn post għall-ieħor possibbli.

3. **Il-kompartimenti li jinkludu farm individwali wieħed jew aktar minn wieħed fejn l-istat ta' mard huwa indipendenti mill-istat ta' mard ta' l-ilmijiet naturali tal-madwar**

3.1. Kompartiment jista' jinkludi:

a) farm individwali li jista' jitqies bħala unità epidemjoloġika waħda, minħabba li dan mhux influwenzat mill-istat tas-saħħa ta' l-annimali fl-ilmijiet ta' madwaru; jew

b) aktar minn farm wieħed fejn kull farm fil-kompartiment jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fil-punt 3.1.(a) u fil-punti 3.2 sa 3.6, imma, minħabba l-moviment estensiv ta' l-annimali bejn il-farms, iridu jitqiesu bħala unità epidemjoloġika waħda, u fejn il-farms kollha huma taħt sistema komuni ta' bijosigurtà.

3.2. Kompartiment irid ikollu provvista ta' l-ilma:

a) Permezz ta' impjant tat-trattament ta' l-ilma kapaċi li jagħmel lill-patoġen rilevanti inattiv; madanakollu, trattament ta' l-ilma bħal dan mhux meqjus aċċettabbli biex jintuża f'kompartiment ħieles mill-mard fejn il-marda hija magħrufa li teżisti fl-ilma li jissupplixxi l-impjant tat-trattament.

b) B'mod dirett minn bir, ħofra għall-ilma jew għajn. Fejn din il-provvista ta' l-ilma tinsab 'il barra mill-bini tal-farm, l-ilma jrid jiġi pprovdut direttament lill-farm, u inkanalat f'pajp.

3.3. Irid ikun hemm barrieri naturali jew artifiċjali li ma jħallux lill-annimali li jgħixu fl-ilma milli jidħlu f'kull farm f'kompartiment mill-kanali ta' l-ilma tal-madwar.

3.4. Il-kompartiment irid, fejn ikun jixraq, jitħares mill-għargħar u mill-infiltrazzjoni ta' l-ilma mill-kanali ta' l-ilma tal-madwar.

3.5. Il-kompartiment irid jikkonforma, *mutatis mutandis*, mal-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fil-Parti I.2 ta' dan l-Anness.

3.6. Kompartiment għandu jkun suġġett għall-miżuri addizzjonali imposti mill-awtorità kompetenti, meta dawn jitqiesu neċessarji għall-prevenzjoni ta' l-introduzzjoni tal-mard. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' ħarsien addizzjonali kontra d-dħul ta' annimali li jistgħu jgħaddu l-patoġen jew ta' organiżmi li jġorru l-patoġen minn post għall-ieħor possibbli.

4. **Id-dispożizzjonijiet speċjali għall-farms individwali li jibdew jew jerġgħu jibdew mill-ġdid l-attivitajiet tagħhom**

4.1. Farm ġdid, li jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa li jissemmew fil-punti 3.1.(a) u 3.2 – sa 3.6 ta' din il-Parti, imma li jibda l-attivitajiet tiegħu b'annimali ta' l-akkwakultura minn kompartiment iddikjarat ħieles mill-mard jista' jiġi ddikjarat ħieles mill-mard mingħajr ma jkollu jgħaddi mit-teħid tal-kampjuni neċessarju għall-approvazzjoni.

4.2. Farm li se jibda mill-ġdid l-attivitajiet tiegħu wara waqfa b'annimali ta' l-akkwakultura minn kompartiment iddikjarat ħieles mill-mard, u li jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa li jissemmew fil-punti 3.1.(a) u l-punti 3.2 sa 3.6 ta' din il-Parti, jista' jiġi ddikjarat ħieles mill-mard mingħajr ma jkollu jgħaddi mit-teħid ta' kampjuni neċessarju għall-approvazzjoni sakemm:

a) l-istorja tas-saħħa tal-farm matul l-aħħar erba' snin tal-ħidma tiegħu hija magħrufa mill-awtorità kompetenti; madankollu, jekk il-farm ikkonċernat ilu jaħdem għal inqas minn erba' snin, jitqies il-perjodu reali li fih kien qed jaħdem; u

b) il-farm ma kienx suġġett għal miżuri relatati mas-saħħa ta' l-annimali fir-rigward tal-mard elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III u ma kien hemm l-ebda anteċedenti ta' dawk il-mard fuq il-farm; u

c) qabel l-introduzzjoni ta' l-annimali, tal-bajd jew tal-gameti ta' l-akkwakultura, il-farm jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat, u wara, kif ikun neċessarju, jgħaddi minn perjodu ta' mistrieħ.

**ANNESS VI**
**Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorji**

**PARTI I**
**IL-LABORATORJI KOMUNITARJI TA' REFERENZA**

1. Sabiex jintgħażlu bħala laboratorju Komunitarju ta' referenza skond l-Artikolu 55, il-laboratorji jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin. Dawn irid:

    a) ikollhom impjegati kkwalifikati kif jixraq b'taħriġ adegwat fit-teknika dijanjostika u analitika applikata fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, inklużi personàl imħarreġ disponibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinqalgħu fil-Komunità;

    b) ikollhom it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu l-kompiti li jingħatawlhom;

    c) ikollhom l-infrastruttura amministrattiva adegwata;

    d) jiżguraw li l-impjegati tagħhom jirrispettaw in-natura konfidenzjali ta' ċerti suġġetti, riżultati jew komunikazzjonijiet;

    e) ikollhom konoxxenza biżżejjed ta' l-istandards u l-prattika internazzjonali;

    f) ikollhom disponibbli, kif inhu jixraq, lista aġġornata tas-sustanzi u tar-reaġenti ta' referenza disponibbli u lista aġġornata tal-manifatturi u tal-fornituri ta' dawn is-sustanzi u r-reaġenti;

    g) iqisu l-attivitajiet ta' riċerka fuq livell nazzjonali u Komunitarju;

2. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tagħżel biss il-laboratorji li jaħdmu u li jiġu vvalutati u akkreditati skond l-Istandards Ewropej li ġejjin, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-metodi differenti ta' l-ittestjar stabbiliti f'din id-Direttiva:

    a) EN ISO/IEC 17025 dwar "Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-kompetenza tal-laboratorji ta' l-ittestjar u ta' l-ikkalibrar";

    b) EN 45002 dwar "Il-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar";

    c) EN 45003 dwar "Is-sistema ta' l-akkreditazzjoni tal-laboratorji ta' l-ikkalibrar u ta' l-ittestjar-Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-ħidma u għall-għarfien".

3. L-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar li jissemmew fil-paragrafu 2 jistgħu jirrelataw mat-testijiet individwali jew ma' gruppi ta' testijiet.

4. Għal marda jew għal aktar minn marda waħda mill-mard taħt ir-responsabilità tagħhom, il-laboratorji Komunitarji ta' referenza jistgħu jieħdu vantaġġ mill-ħiliet u l-kapaċità tal-laboratorji fl-Istati Membri l-oħra jew fl-Istati Membri ta' l-EFTA sakemm il-laboratorji konċernati jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-punti 1, 2 u 3 ta' dan l-Anness. Kwalunkwe intenzjoni li jittieħed vantaġġ minn kooperazzjoni bħal din trid tkun parti mill-informazzjoni pprovduta bħala bażi għall-għażla skond l-Artikolu 55(1). Madankollu, il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandu jibqa' l-punt ta' kuntatt għal-laboratorji nazzjonali ta' referenza fl-Istati Membri, u għall-Kummissjoni.

5. Il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għandhom:

a) jikkoordinaw, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi użati fl-Istati Membri għad-dijanjosi tal-marda kkonċernata, speċifikatament billi:

i) razez tal-patoġen tal-marda rilevanti jiġu kklassifikati, maħżuna, u fejn hu xieraq, provduti biex jiġi ffaċilitat is-servizz dijanjostiku fil-Komunità,

ii) is-sera standard u r-reaġenti l-oħra ta' referenza għandhom ikunu pprovduti lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza sabiex ikunu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati f'kull Stat Membru, fejn huma meħtieġa t-testijiet seroloġiċi,

iii) ikunu organizzati testijiet perjodiċi komparattivi (*ring tests*) tal-proċeduri dijanjostiċi fuq livell Komunitarju mal-laboratorji nazzjonali ta' referenza magħżula mill-Istati Membri, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-metodi tad-dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;

iv) tinżamm il-kompetenza dwar il-patoġen tal-marda rilevanti u l-patoġeni l-oħra rilevanti li tippermetti dijanjosi divrenzjali rapida;

b) jassistu b'mod attiv fid-dijanjosi tat-tifqigħ tal-marda rilevanti fl-Istati Membri billi jirċievu l-patoġeni iżolati għad-dijanjosi konfermattiva, l-istudji tal-karatterizzazzjoni u dawk epiżotiċi;

c) jiffaċilitaw it-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' l-esperti fid-dijanjosi tal-laboratorju bil-ħsieb li tiġi armonizzata t-teknika dijanjostika fil-Komunità kollha;

d) jikkollaboraw, fir-rigward tal-metodi għad-dijanjosi tal-mard ta' l-annimali li jaqgħu fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom, mal-laboratorji kompetenti fil-pajjiżi terzi fejn dak il-mard huwa prevalenti;

e) jikkollaboraw mal-laboratorji ta' referenza rilevanti ta' l-OIE fir-rigward tal-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III li għalihom huma responsabbli;

f) jiġbru u jgħaddu l-informazzjoni dwar mard eżotiku u endemiku, li potenzjalment qed jitfaċċja fl-akkwakultura tal-Komunità.

## PARTI II
## IL-LABORATORJI NAZZJONALI TA' REFERENZA

1. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza magħżula skond l-Artikolu 56 għandhom ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-istandards u l-metodi dijanjostiċi fil-qasam tar-responsabbilità tagħhom fl-Istat Membru rispettiv. Dawn il-laboratorji nazzjonali ta' referenza jridu:

   a) jimpenjaw irwieħhom li jinnotifikaw, mingħajr dewmien, lill-awtorità kompetenti kull meta l-laboratorju jsir jaf b'suspett ta' kwalunkwe waħda mill-mard li jissemma fl-Anness III;

   b) jikkoordinaw, f'konsultazzjoni mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza, il-metodi użati mill-Istati Membri għad-dijanjosi tal-mard ikkonċernat li għalihom huma responsabbli;

   c) jassistu b'mod attiv fid-dijanjosi tat-tifqigħ tal-marda rilevanti billi jirċievu l-patoġeni iżolati għad-dijanjosi konfermattiva, l-istudji ta' karatterizzazzjoni u dawk epiżotiċi;

   d) jiffaċilitaw it-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' l-esperti fid-dijanjosi tal-laboratorju bil-ħsieb li tkun armonizzata t-teknika dijanjostika fl-Istat Membru kollu;

   e) jiżguraw il-konferma tar-riżultati pożittivi tat-tifqigħ kollu tal-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III, u tat-tifqigħ primarji tal-mard mhux eżotiku elenkat f'dak l-Anness;

   f) jorganizzaw testijiet perjodiċi komparattivi (*ring tests*) tal-proċeduri dijanjostiċi fuq livell nazzjonali mal-laboratorji magħżula mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-metodi tad-dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fl-Istat Membru;

   g) jikkooperaw mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza li jissemma fl-Artikolu 55 u jipparteċipaw fit-testijiet komparattivi organizzati mil-laboratorji Komunitarji ta' referenza ;

   h) jiżguraw iż-żamma ta' djalogu regolari u miftuħ ma' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom;

   i) jaħdmu u jiġu vvalutati u akkreditati skond l-Istandards Ewropej li ġejjin fejn jitqiesu l-kriterji għall-metodi differenti ta' l-ittestjar stabbiliti f'din id-Direttiva:

      i) EN ISO/IEC 17025 dwar "Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-kompetenza tal-laboratorji ta' l-ittestjar u ta' l-ikkalibrar",

      ii) EN 45002 dwar "Il-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar",

iii) EN 45003 dwar "Is-sistema ta' l-akkreditazzjoni tal-laboratorji ta' l-ikkalibrar u ta' l-ittestjar-Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-ħidma u għall-għarfien".

2. L-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar li jissemmew fil-paragrafu 1(i) jistgħu jirrelataw mat-testijiet individwali jew ma' gruppi ta' testijiet.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-laboratorji nazzjonali ta' referenza li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-punt 1(i)(i) ta' din il-Parti, fejn il-ħidma taħt EN ISO/IEC 17025 hija diffiċli mil-lat prattiku, sakemm il-laboratorju jaħdem taħt assigurazzjoni ta' kwalità skond il-linji ta' gwida fl-ISO 9001.

4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw laboratorju nazzjonali ta' referenza li jinstab fit-territorju tagħhom li jieħu vantaġġ mill-ħiliet u mill-kapaċità ta' laboratorji oħra magħżula skond l-Artikolu 57, għal marda jew għal aktar minn marda waħda mill-mard taħt ir-responsabbilità tagħhom, sakemm dawn il-laboratorji jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' din il-Parti. Madankollu, il-laboratorju nazzjonali ta' referenza għandu jibqa' l-punt ta' kuntatt għall-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru, u għal-laboratorju Komunitarju ta' referenza .

## PARTI III
## IL-LABORATORJI MAGĦŻULA FL-ISTATI MEMBRI

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tagħżel biss laboratorji għal servizzi dijanjostiċi skond l-Artikolu 57 li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin. Dawn iridu:

   a) jimpenjaw irwieħhom li jinnotifikaw, mingħajr dewmien, lill-awtorità kompetenti kull meta laboratorju jsir jaf b'suspett ta' kwalunkwe waħda mill-mard li issemma fl-Anness III;

   b) jimpenjaw irwieħhom li jipparteċipaw f'testijiet komparattivi (*ring-tests*) tal-proċeduri dijanjostiċi organizzati mil-laboratorju nazzjonali ta' referenza;

   c) jaħdmu u jiġu vvalutati u akkreditati skond l-Istandards Ewropej li ġejjin fejn jitqiesu l-kriterji għall-metodi differenti ta' l-ittestjar stabbiliti f'din id-Direttiva:

      i) EN ISO/IEC 17025 dwar "Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-kompetenza tal-laboratorji ta' l-ittestjar u ta' l-ikkalibrar";

      ii) EN 45002 dwar "Il-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar";

      iii) EN 45003 dwar "Is-sistema ta' l-akkreditazzjoni tal-laboratorji ta' l-ikkalibrar u l-ittestjar-Il-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-ħidma u għall-għarfien".

2. L-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar li jissemmew fil-paragrafu 1(c) jistgħu jirrelataw mat-testijiet individwali jew ma' gruppi ta' testijiet.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu laboratorji li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet meħtieġa fil-punt 1 (c) (i) ta' din il-Parti, fejn il-ħidma taħt EN ISO/IEC 17025 hija diffiċli mil-lat prattiku, sakemm il-laboratorju jaħdem taħt assigurazzjoni ta' kwalità skond il-linji ta' gwida fl-ISO 9001.

4. L-awtorità kompetenti għandha tħassar l-għażla fejn il-kondizzjonijiet li jissemmew f'dan l-Anness ma jkunux sodisfatti aktar.

## ANNESS VII
## IL-KRITERJI U L-KONDIZZJONIJIET MEĦTIEĠA GĦALL-PJANIJIET TA' KONTINĠENZA

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' kontinġenza jissodisfaw ta' l-inqas il-kondizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

1. Trid issir dispożizzjoni sabiex ikunu żgurati s-setgħat legali meħtieġa biex ikunu implimentati l-pjanijiet ta' kontinġenza u biex titwettaq kampanja ta' qerda mill-għeruq rapida u ta' suċċess.

2. Trid issir dispożizzjoni biex ikun żgurat l-aċċess għall-fondi ta' emerġenza, għall-mezzi tal-baġit u għar-riżorsi finanzjarji biex ikunu koperti l-aspetti kollha tal-ġlieda kontra l-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III.

3. Trid tiġi stabbilita katina ta' kmand biex ikun iggarantit proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u effettiv biex ikun immaniġġjat il-mard eżotiku elenkat fl-Anness III jew il-mard li qed jitfaċċa. Unità ċentrali tat-teħid tad-deċiżjonijiet trid tieħu ħsieb tad-direzzjoni ġenerali ta' l-istrateġiji ta' kontroll.

4. Il-pjanijiet dettaljati jridu jkunu disponibbli għall-Istati Membri biex ikunu ppreparati għat-twaqqif immedjat ta' ċentri lokali ta' kontroll tal-mard fl-eventwalità ta' tifqigħa tal-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III jew ta' mard li qed jitfaċċa u biex ikunu implimentati l-miżuri ta' kontroll tal-mard u ta' ħarsien ta' l-ambjent fuq livell lokali.

5. L-Istati Membri jridu jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet u l-korpi ambjentali kompetenti biex jiżguraw li l-azzjonijiet fuq kwistjonijiet veterinarji u ta' saħħa ambjentali jkunu kkoordinati b'mod xieraq.

6. Trid issir dispożizzjoni għal riżorsi adegwati biex jiżguraw kampanja rapida u effettiva, inklużi l-personàl, t-tagħmir u l-kapaċità tal-laboratorju.

7. Irid ikun disponibbli manwâl għall-ħidmiet aġġornat, b'deskrizzjoni dettaljata, komprensiva u prattika ta' l-azzjonijiet, il-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-miżuri ta' kontroll kollha li għandhom jintużaw fl-immaniġġjar tal-mard eżotiku elenkat fil-Parti II ta' l-Anness III jew tal-mard li qed jitfaċċa.

8. Fejn huwa xieraq, iridu jkunu disponibbli pjanijiet dettaljati għat-tilqim ta' emerġenza

9. L-istaff irid ikun involut b'mod regolari f'taħriġ dwar is-sinjali kliniċi, dwar istħarriġ epidemjoloġiku u dwar il-kontroll tal-mard epiżotiku, f'eżerċizzji ta' allarm fi żmien reali, u fit-taħriġ fil-ħiliet tal-komunikazzjoni biex jipprovdu kampanji kontinwi ta' għarfien dwar il-mard għall-awtoritajiet, għal dawk li jmexxu l-farms u għall-veterinarji.

10. Il-pjanijiet ta' kontinġenza iridu jiġu ppreparati u jridu jqisu r-riżorsi meħtieġa għall-kontroll ta' numru kbir ta' tifqigħ li jiġru f'perjodu ta' żmien qasir.

11. Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet meħtieġa veterinarji fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-pjanijiet ta' kontinġenza jridu jiġu ppreparati biex jiġi żgurat li, fl-eventwalità ta' tifqigħ ta' mard, kwalunkwe rimi bil-massa tal-karkassi ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma u tal-ħmieġ ta' l-annimali li jgħixu fl-ilma isir mingħajr ma jkun hemm periklu għas-saħħa ta' l-annimali u tal-bniedem, billi jintużaw proċessi jew metodi li jipprevjienu l-ħsara lill-ambjent u b'mod partikolari:

i) b'riskju minimu għall-ħamrija, għall-arja, għall-ilma tal-wiċċ u l-ilma li jinsab taħt l-art f'saff ta' blat poruż u ħamrija bħal dak ta' nixxiegħa, u lill-pjanti u lill-annimali;

ii) b'fastidju minimu minħabba storbju u rwejjaħ;

iii) b'effetti avversi minimi għan-natura jew għall-postijiet ta' interess speċjali.

12. Pjanijiet bħal dawn iridu jinkludu l-identifikazzjoni ta' sîti u stabbilimenti xierqa biex ikunu ttrattati jew jintremew il-karkassi u l-ħmieġ ta' l-annimali fl-eventwalità ta' tifqigħa skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

**ANNESS VIII**
**It-tabella tal-korrelazzjoni**

| Din id-Direttiva | Direttivi tal-Kunsill Revokati | | |
|---|---|---|---|
| | 91/67/EEC | 93/53/EEC | 95/70/EC |
| L-Artikolu 1 (1) a | L-Artikolu 1, paragrafu 1 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 1 (1) b | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 1 (1) c | ——— | L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 1 (2) | ——— | L-Artikolu 20 (2) | L-Artikolu 12 (2) |
| L-Artikolu 2 (1) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 2 (2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 2 (3) | L-Artikolu 1, paragrafu 2 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 3 | L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 4 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 5 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 6 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 7 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 8 (1) | ——— | L-Artikolu 3 (2) | L-Artikolu 3 (2) |
| L-Artikolu 8 (2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 8 (3) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 9 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 10 | ——— | ——— | L-Artikolu 4 (1) |
| L-Artikolu 11 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 12 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 13 (1) | L-Artikolu 4, paragrafu 1 | ——— | ——— |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Artikolu 13 (2) | L-Artikolu 4, paragrafu 2 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 14 | L-Artikolu 16 (1), paragrafu 2 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 14 (2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 14 (3) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 14 (4) | L-Artikolu 7 (1)<br>L-Artikolu 8 (1) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 15 (1) | L-Artikolu 3 (1) a | ——— | ——— |
| L-Artikolu 15 (2) | L-Artikolu 3 (1) b | ——— | ——— |
| L-Artikolu 15 (3) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 16 (1) | L-Artikolu 7 (1) a, l-ewwel sentenza<br>L-Artikolu 7 (1) b<br>L-Artikolu 8 (1) a<br>L-Artikolu 8 (1) b | ——— | ——— |
| L-Artikolu 16 (2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 17 | L-Artikolu 14 (1)<br>L-Artikolu 14 (2)<br>L-Artikolu 14 (4) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 18 | L-Artikolu 9 (1) u (2) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 19 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 20 | L-Artikolu 14 (3) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 21 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 22 | L-Artikolu 19 (1) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 23(1) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 23(2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 23(3) | L-Artikolu 19 (2) | ——— | ——— |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Artikolu 23(4) | L-Artikolu 19 (3) | ——— | ——— |
| L-Artikolu 23(5) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 24 | L-Artikolu 21 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 25 (a) | L-Artikolu 20 | ——— | ——— |
| L-Artikolu 25 (b) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 25 (c) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 25 (d) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 25 (e) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 26 | ——— | L-Artikolu 4 | L-Artikolu 5 (1) |
| L-Artikolu 27 | ——— | ——— | L-Artikolu 5 (5) |
| L-Artikolu 28 (a) | ——— | L-Artikolu 5 (1)<br><br>L-Artikolu 10 (1) a | L-Artikolu 5 (2) a |
| L-Artikolu 28 (b) | ——— | L-Artikolu 5(2)b<br><br>L-Artikolu 10 (1)c | L-Artikolu 5 (2) b |
| L-Artikolu 29 (1) | ——— | L-Artikolu 5 (2)h<br><br>L-Artikolu 6 (a), is-7 inċiż<br><br>L-Artikolu 8(1)<br><br>L-Artikolu 9 (1), l-ewwel sentenza<br><br>L-Artikolu 10 (1) b | L-Artikolu 4 (1), paragrafu 3, it-3 inċiż<br><br>L-Artikolu 5 (4), paragrafu 1 |
| L-Artikolu 29(2) | ——— | L-Artikolu 5(2)i | L-Artikolu 5(4), paragrafu 2 |
| L-Artikolu 29(3) | ——— | L-Artikolu 6(b)<br><br>L-Artikolu 6(d)<br><br>L-Artikolu 8(2)<br><br>L-Artikolu 8(3)<br><br>L-Artikolu 9 (2) | ——— |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Artikolu 29 (4) | ——— | L-Artikolu 5 (i) it-2 inċiż | ——— |
| L-Artikolu 30 | ——— | L-Artikolu 5(4) | L-Artikolu 5(3) |
| L-Artikolu 31 | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 32(a) | ——— | ——— | L-Artikolu 4(1), paragrafu 3<br>l-1 u t-2 inċiż |
| L-Artikolu 32(b) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 32(c) | ——— | L-Artikolu 5 (2) b | L-Artikolu 5 (2) b<br>L-Artikolu 5 (4), paragrafu 3 |
| L-Artikolu 33 (1) | L-Artikolu 3 (3) | L-Artikolu 6 (a) ir-4 inċiż | ——— |
| L-Artikolu 33 (2) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 33 (3) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 33 (4) | ——— | ——— | ——— |
| L-Artikolu 34 (1) | ——— | L-Artikolu 5(2)c<br>L-Artikolu 6(a) l-1 u t-2 inċiż | ——— |
| L-Artikolu 34 (2) | ——— | L-Artikolu 6(a) ir-4 inċiż | ——— |
